



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13709/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0345(COD)

ECODEX 2
EJUSTICE 103
JUSTCIV 147
JAI 1070
COPEN 368
DROIPEN 117
IXIM 132
DATAPROTECT 146

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 712 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 712 final.

Mehmuż: COM(2020) 712 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.12.2020
COM(2020) 712 final

2020/0345 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali
transfruntiera (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2020) 408 final} - {SWD(2020) 541 final} - {SWD(2020) 542 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-iżgurar ta' aċċess effettiv għall-ġustizzja għaċ-ċittadini u n-negozji u l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri huma fost l-oġġettivi ewlenin tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja tal-UE minqas fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹.

Matul l-aħħar għaxar snin, l-Unjoni għamlet sforzi konsiderevoli biex tikkordina u tarmonizza l-proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera bil-ħsieb ta' kooperazzjoni ġudizzjarja aktar mill-qrib f'materji ċivili u kriminali. Għadd kbir ta' atti tal-Unjoni ġew adottati biex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni bejn ir-regoli nazzjonali dwar (i) il-ġurisdizzjoni internazzjonali, (ii) ir-rikonossiment u l-infurzar ta' atti u ordnijiet ġudizzjarji, (iii) in-notifika transfruntiera ta' dokumenti ġudizzjarji u (iv) il-kompilazzjoni ta' xhieda. Għadd kbir ta' atti tal-Unjoni ġew adottati wkoll biex jiġu stabbiliti proċeduri ġudizzjarji fil-livell tal-Unjoni, bħall-ordni ta' ħlas Ewropea², il-proċedura Ewropea għal talbiet żgħar³, l-ordni Ewropea għall-preservazzjoni tal-kontijiet⁴, eċċ. L-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-miżuri hija prijorità tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, l-iżviluppi fil-Ġustizzja elettronika huma strumentali għas-suċċess ta' proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera, li l-għan tagħhom huwa li jtejbju l-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri u jgħinu biex jissimplifikaw il-proċeduri, inaqqsu l-ispejjeż u jżidu l-aċċessibbiltà.

Biex jiġu żgurati mezzi effettivi ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet u l-qrati, kif ukoll bejn l-awtoritajiet fi Stati Membri differenti, l-għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni huma kruċjali. Il-Kummissjoni għalhekk għamlet sforzi kostanti biex ittejjeb l-aċċess online għall-informazzjoni proċedurali u ppromwoviet l-użu ta' formoli dinamiċi pprovduti permezz tal-portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

e-CODEX (Komunikazzjoni dwar il-Ġustizzja elettronika permezz ta' Skambju ta' *Data Online*) tnieda taħt il-pjan ta' azzjoni pluriennali dwar il-Ġustizzja elettronika 2009-2013, prinċipalment biex jippromwovi d-diġitalizzazzjoni ta' proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera u biex jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri.

e-CODEX jiffaċilita l-komunikazzjoni sigura fi proċedimenti ċivili u kriminali permezz ta' soluzzjoni mfassla apposta għall-iskambju transfruntier ta' messaġġi elettroniċi fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja. Is-sistema e-CODEX tikkonsisti f'pakkett ta' prodotti ta' software li jistgħu jintużaw biex jiġi stabbilit punt ta' aċċess għal komunikazzjoni sigura. Il-punti ta' aċċess bl-użu ta' e-CODEX jistgħu jikkomunikaw ma' punti ta' aċċess oħrajn fuq l-internet⁵ permezz ta' sett ta' protokoll komuni, mingħajr ebda sistema ċentrali involuta. Kull punt ta' aċċess jista' jkun marbut, pereżempju, ma' sistema nazzjonali ta' ġestjoni tal-każijiet sabiex ikun jista' jiskambja dokumenti b'mod sigur ma' sistemi simili oħra. Fir-rigward tal-iskambju ta' dokumenti fi proċeduri

¹ It-Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

² Ir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea (ĠU L 399, 30.12.2006, p. 1).

³ Ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 1).

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali, (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 59).

⁵ Teknikament, in-netwerk TESTA NG jista' jintuża wkoll minflok l-internet; madankollu, dan mhuwiex meħtieġ.

speċifiċi, is-sistema e-CODEX tagħmel disponibbli formoli diġitali standardizzati (mhumiex marbuta mal-kontenut li għandu jiġi trażmess iżda sempliċement jagħmlu possibbli l-komunikazzjoni) li jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-sistemi nazzjonali⁶.

e-CODEX ġie żviluppat minn 21-il Stat Membru⁷ bil-parteċipazzjoni ta' pajjiżi/territorji terzi u organizzazzjonijiet oħra⁸ bejn l-2010 u l-2016. L-ispiża totali tal-iżvilupp tas-sistema kienet ta' madwar EUR 24 miljun, li minnhom 50 % kienu ffinanzjati mill-UE fil-forma ta' għotjiet⁹ u 50 % mill-Istati Membri parteċipanti.

Bħalissa s-sistema e-CODEX hija ġestita minn konsorzju ta' Stati Membri u organizzazzjonijiet oħra, iffinanzjati minn għotja tal-UE. Bejn it-tmien tal-konsorzju attwali u l-akkwiżizzjoni tas-sistema minn aġenzija tal-UE, entità oħra se jkollha tiggarrantixxi s-sostenibbiltà tas-sistema.

e-CODEX attwalment jiffaċilita l-komunikazzjoni elettronika bejn iċ-ċittadini u l-qrati, u bejn l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri f'xi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera. S'issa, 10-il Stat Membru pparteċipaw fi proġetti pilota għall-użu ta' e-CODEX fi proċeduri legali differenti¹⁰.

Il-portal Ewropew tal-Ġustizzja¹¹ se juża e-CODEX biex jippermetti lil ċittadini li jiffirmaw jibagħtu b'mod elettroniku applikazzjonijiet għal ordni ta' ħlas Ewropea¹² u talbiet żgħar¹³ lil qrati kompetenti fl-Istati Membri. Barra minn hekk, fl-2018 il-Kummissjoni pproponiet leġiżlazzjoni biex tipprevedi kanal diġitali obbligatorju li jista' jintuża biex jiġu nnotifikati d-dokumenti u biex tinġabar l-evidenza¹⁴, permezz ta' sistema tal-IT deċentralizzata li tista' tkun ibbażata fuq soluzzjoni interoperabbli, bħal e-CODEX, bħala mezz ta' trażmissjoni diġitali. Dawn iż-żewġ Regolamenti ġew adottati fil-25 ta' Novembru 2020.

Filwaqt li jibni fuq l-appoġġ tal-Istati Membri u l-esperjenza tagħhom fl-użu tas-sistema fi proċedimenti ċivili u kriminali differenti, e-CODEX għandu l-potenzjal li jsir is-soluzzjoni diġitali ewlenija għal trażmissjoni sigura ta' data elettronika fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera fl-Unjoni. Fl-evalwazzjoni tagħha tal-għotja għal proġetti għal e-CODEX, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-proġett pilota tal-Ġustizzja elettronika pprovda l-elementi kostitwenti ewlenin biex

⁶ Sabiex tiġi ffaċilitata komunikazzjoni sigura u interoperabbli, il-proġett inizjali e-CODEX ressaq tliet elementi ewlenin: twassil ta' messaġġi bidirezzjonali (issa FNE eDelivery); il-bini u t-traċċar tal-messaġġi (e-CODEX "Connector"); u standards/mudelli għall-formoli diġitali (Skemi tal-XML e-CODEX).

⁷ L-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, Finland, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, Spanja u r-Renju Unit.

⁸ Jersey, in-Norveġja, it-Turkija, CCBE u CNUE.

⁹ Mill-programm ta' Appoġġ għall-Politika tal-ICT (DG CONNECT) tal-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) u l-għotja ta' azzjoni permezz tal-programm Ġustizzja (DG JUST).

¹⁰ Il-valutazzjoni tal-impatt tinkludi lista tal-proċeduri transfruntiera li għalihom l-e-CODEX intuża fi proġetti pilota.

¹¹ <https://e-justice.europa.eu/home.do?action=home&plang=mt>

¹² F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea (ĠU L 399, 30.12.2006, p. 1).

¹³ Ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 1).

¹⁴ Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali fl-Istati Membri (notifika ta' dokumenti) (COM/2018/379 final). Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kompilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (COM/2018/378 final).

jinkisbu skambji siguri u affidabbli fil-kooperazzjoni ġudizzjarja¹⁵. Barra minn hekk, fil-Komunikazzjoni tagħha “Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea — Sett ta’ għodod ta’ opportunitajiet”¹⁶, adottata flimkien ma’ din il-proposta, il-Kummissjoni tqis e-CODEX bħala l-għodda ewlenija u l-aqwa standard għall-istabbiliment ta’ netwerk ta’ komunikazzjoni interoperabbli, sigur u deċentralizzat bejn is-sistemi tal-IT nazzjonali fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera.

Is-sostenibbiltà fit-tul, l-użu akbar u l-ġestjoni operattiva ta’ e-CODEX huma prijorità għall-Unjoni. e-CODEX jista’ jintuża biex jippermetti kooperazzjoni ġudizzjarja aktar effiċjenti bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji f’materji kriminali, u b’hekk tiġi intensifikata l-għieda kontra l-kriminalità transfruntiera, it-terroriżmu u ċ-ċiberkriminalità. Dan ikopri proċeduri ta’ rikonossiment reċiproku taħt strumenti diversi¹⁷ kif ukoll proċeduri ta’ kooperazzjoni ġudizzjarja oħra bħal dawk taħt il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f’Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, li d-dispożizzjonijiet korrespondenti tagħhom ġew sostitwiti mill-ordni ta’ Investigazzjoni Ewropea¹⁸.

Il-finanzjament temporanju għat-tħaddim tas-sistema e-CODEX jista’ jinkiseb mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), mill-programm Ġustizzja jew mis-suċċessuri tagħhom taħt il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Madankollu, il-konsorzju tal-Istati Membri u organizzazzjonijiet oħra¹⁹ li bħalissa jiżgura l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-IT tas-software e-CODEX mhux se jipprovdi għall-ġestjoni operattiva fit-tul tas-sistema. L-użu ta’ għotjiet ta’ azzjoni temporanji għall-ġestjoni tas-sistema mhuwiex soluzzjoni sostenibbli, u lanqas soluzzjoni li tista’ tippermetti li e-CODEX isir is-sistema prestabbilita għal proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera fil-futur. Aktar reċentement fit-13 ta’ Ottubru 2020²⁰, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġislattiva li tiżgura s-sostenibbiltà ta’ e-CODEX bi struttura adegwata ta’ governanza u ġestjoni kompatibbli mal-eu-LISA li tirrispetta l-indipendenza tal-ġudikatura u r-rekwiżiti kostituzzjonali tal-Istati Membri filwaqt li tiżgura rappreżentanza adegwata tal-awtoritajiet ġudizzjarji tal-UE u tal-Istati Membri, kif ukoll tal-partijiet ikkonċernati ewlenin. Sabiex tipprovdi għall-ġestjoni operattiva sostenibbli u fit-tul tas-sistema e-CODEX, din il-proposta għandha l-għan

¹⁵ Evalwazzjoni mill-Kummissjoni (tliet esperti esterni) fl-2016 tal-proġett dwar il-Ġustizzja elettronika permezz ta’ Skambju ta’ Data Online (e-CODEX) ippreżentat fil-Programm ta’ Appoġġ għall-Politika tal-ICT fi ħdan il-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP), il-ftehim ta’ għotja nru 270968.

¹⁶ COM(2020) 710.

¹⁷ L-UE adottat diversi strumenti leġislattivi f’konformità mal-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku: Mandat ta’ Arrest Ewropew - DK 2002/584 (ĠU L 190, 18.7.2002, pp. 1); Ordnijiet ta’ ffriżar ta’ proprjetà u evidenza — FD 2003/577 (ĠU L 196, 2.8.2003, p. 45); Penali finanzjarji — DK 2005/214 (ĠU L 76, 22.3.2005, p. 16); Ordnijiet ta’ konfiska — DK 2006/783 (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 59); Trasferiment ta’ prigionieri u sentenzi ta’ kustodja — DK 2008/909 (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 27); Deċiżjonijiet ta’ probation u sanzjonijiet alternattivi — DK 2008/947 (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 102); Ordni ta’ superviżjoni Ewropea fi proċeduri ta’ qabel il-proċess — FD 2009/829 (ĠU L 294, 11.11.2009, p. 20); Il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti ta’ ġurisdizzjoni — FD 2009/948 (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42); Ordni ta’ Investigazzjoni Ewropew — Direttiva 2014/41/UE (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1); Ordni Ewropea ta’ Protezzjoni — Direttiva 2011/99/UE (ĠU L 338, 21.12.2011, p. 2). Barra minn hekk, fl-2016, il-Kummissjoni adottat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonossiment reċiproku ta’ ordnijiet ta’ ffriżar u ta’ konfiska (COM/2016/0819 final) u, fl-2018, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordnijiet ta’ Produzzjoni u ta’ Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f’materji kriminali (COM/2018/225 final).

¹⁸ Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta’ April 2014 dwar l-Ordni ta’ Investigazzjoni Ewropew f’materji kriminali ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1.

¹⁹ Il-Ġermanja (Nordrhein-Westfalen), Franza, in-Netherlands, il-Fondazzjoni Awstrijaka tal-Bailiff Ewropew, il-Fondazzjoni tal-Avukati Ewropej u l-Università Aristotli ta’ Tessaloniki.

²⁰ Konklużjonijiet tal-Kunsill “Access għall-ġustizzja — Naħtfu l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni” (ĠU C 342, I, 14.10.2020, p. 1).

li tistabbilixxi soluzzjoni ta' governanza stabbli għas-sistema, bi proċess trasparenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jiżgura l-involviment tal-Istati Membri u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

Barra minn hekk, jeħtieġ li s-sistema e-CODEX tiġi ġestita b'mod li ma jpoġġix fid-dubju l-indipendenza tal-ġudikaturi nazzjonali. Dan jista' jinkiseb billi jiġi pprovdut mudell ta' governanza li jiżgura li l-ġudikaturi tal-Istati Membri jkunu rappreżentati b'mod adegwat u li jiġi allokat baġit separat lill-entità li timmaniġġja s-sistema.

Il-valutazzjoni tal-impatt uriet li l-aħjar soluzzjoni biex jiġi żgurat futur stabbli għal e-CODEX hija li tiġi ttrasferita lill-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, imsejħa eu-LISA, u li tagħti mandat lill-Aġenzija biex tipprovdi għall-ġestjoni operattiva tas-sistema. Governanza stabbli għas-sistema e-CODEX se tagħmilha possibbli li tiġi stabbilita bħala s-sistema prestabbilita għall-iskambju ta' messaġġi elettroniċi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-livell tal-UE.

L-eu-LISA mhux se tieħu f'idejha s-sistema e-CODEX qabel Lulju 2023. It-trasferiment ma jistax isir qabel minħabba l-kompiti sinifikanti eżistenti f'dati lil eu-LISA, jiġifieri bl-iżvilupp u l-ġestjoni futura ta' għadd ta' sistemi ta' informazzjoni ċentralizzati fuq skala kbira tal-UE għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni, jiġifieri s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN). Barra minn hekk, l-Aġenzija hija inkarigata wkoll mill-modernizzazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS). Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE²¹, eu-LISA nġhatat il-kompitu li tiżgura l-interoperabbiltà teknika bejn daww is-sistemi.

Iż-żmien għat-teħid tas-sistema e-CODEX mill-eu-LISA huwa element ċentrali ta' din il-proposta biex jiġi garantit li l-ġestjoni permanenti ta' e-CODEX tkun tista' tiġi żgurata b'mod effettiv. Ma jkunx fattibbli li s-sistema tittieħed f'idejha qabel Lulju 2023.

Bħala l-aġenzija responsabbli għall-ġestjoni operattiva tas-sistema e-CODEX, l-eu-LISA jkollha tipprovdi għall-persunal u l-ambjent tekniku meħtieġa għal daww il-kompiti. Sal-31 ta' Diċembru 2022, l-entità li timmaniġġja s-sistema jkollha tissottometti dokument ta' trasferiment lill-eu-LISA li jispeċifika l-arranġamenti għat-trasferiment tas-sistema e-CODEX (inklużi l-kriterji għal proċess ta' trasferiment u tlestija b'suċċess, kif miftiehem mill-Kummissjoni). Ikun meħtieġ ukoll li tissottometti dokumentazzjoni relatata, inklużi dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-proprietà intellettuali u dwar il-prodotti tas-software li għandhom jiġu mgħoddija.

Matul il-perjodu tranżitorju ta' sitt xhur qabel ma s-sistema e-CODEX tiġi ttrasferita lil eu-LISA, isir proċess ta' trasferiment bejn l-entità li timmaniġġja s-sistema — konsorzju ta' Stati Membri u organizzazzjonijiet ta' professjonisti legali b'finanzjament mill-UE — u eu-LISA. Dan se jinvolvi t-trasferiment ta' verżjoni stabbli tas-sistema e-CODEX, inklużi l-għarfien espert rilevanti, is-software u d-dokumentazzjoni relatata u l-mudelli diġitali. Is-software li għandu jiġi ttrasferit jinkludi d-DOMIBUS Connector u s-software ta' appoġġ, filwaqt li s-software DOMIBUS Gateway, li huwa wkoll parti minn e-CODEX, se jkompli jiġi ġestit mill-Kummissjoni. L-entità li timmaniġġja s-sistema se tibqa' responsabbli għall-ġestjoni tas-sistema e-CODEX, billi twettaq biss

²¹ Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u l-viża (ĠU L 138, 22.5.2019, p. 27) u r-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

xogħol ta' manutenzjoni korrettiva. Madankollu, jenħtiegħ li tappoġġa wkoll lil eu-LISA fl-istabbiliment tal-ambjent tekniku meħtiegħ biex tiġi żgurata l-ġestjoni xierqa tas-sistema e-CODEX.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-proċess ta' trasferiment/akkwist biex tiżgura li l-entità li timmaniġġja s-sistema ssegwi l-proċeduri b'mod korrett, abbażi tal-kriterji speċifikati fid-dokument ta' trasferiment sottomess mill-entità. eu-LISA tiegħu f'idejha biss ir-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX bil-kundizzjoni li l-Kummissjoni tkun iddikjarat li l-proċess ta' trasferiment/akkwist tlesta b'suċċess.

Ladarba l-eu-LISA tiegħu r-responsabbiltà għas-sistema, mhux qabel l-1 ta' Lulju 2023, se jkollha tiżgura, abbażi tar-rekwiżiti tekniċi u fil-livell ta' servizz stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni, li s-software eżistenti jibqa' funzjonali f'ambjent tekniku li qed jinbidel u jiġi adattat għall-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-utenti. Barra minn hekk, l-eu-LISA se jkollha żżomm jew taġġorna l-mudelli diġitali għall-proċeduri differenti fejn e-CODEX se jintuża biex iwieġeb għal bidliet legali jew organizzattivi u joħloq oħrajn ġodda għal dawk l-istrumenti fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament li fih e-CODEX jiġi introdott. Il-Kummissjoni mbagħad tiżgura li dawn il-mudelli jiġu stabbiliti f'att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet dettaljati dwar l-użu ta' e-CODEX għal tali proċeduri.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

Hemm ħtieġa ċara li jsir aktar kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali biex jiġi żgurat li s-sistemi ġudizzjarji jieħdu vantaġġ sħiħ mit-teknoloġiji diġitali għall-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet u maċ-ċittadini u n-negozji. Għad hemm bżonn ta' ħidma sinifikanti f'għadd ta' oqsma, bħal: l-iżvilupp ta' mezzi siguri ta' trażmissjoni elettronika fi ħdan u bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u awtoritajiet kompetenti oħra, il-professionisti legali u l-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-UE; id-diġitalizzazzjoni u l-interkonnnessjoni ulterjuri ta' bażijiet ta' data u reġistri nazzjonali; id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi ġudizzjarji pprovduti lill-pubbliku; id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-użu ta' teknoloġija tal-komunikazzjoni mill-bogħod sigura u ta' kwalità għolja.

Qasam importanti tal-inizjattivi ta' politika tal-Ġustizzja elettronika jinvolti **l-istabbiliment ta' għodod interoperabbli għall-komunikazzjoni bejn is-sistemi tal-IT** tal-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istati Membri. e-CODEX huwa l-għodda ewlenija li tindirizza din il-ħtieġa li ġiet żviluppata s'issa.

Bl-iżvilupp ta' pjattaforma tal-IT għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali (is-sistema ta' skambju diġitali ta' evidenza elettronika), li tuża e-CODEX bħala l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħha, u l-konklużjoni reċenti tan-negozjati dwar ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Dokumenti u l-Kumpilazzjoni ta' Xhieda, hemm **ħtieġa dejjem akbar li tiġi żgurata l-ġestjoni sostenibbli tas-sistema e-CODEX**.

Din il-proposta ssegwi t-talba li saret mill-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2016 dwar it-titjib tal-ġustizzja kriminali fiċ-ċiberspazju, fejn talab lill-Kummissjoni tiżviluppa pjattaforma b'mezz ta' komunikazzjoni sigur għall-iskambju diġitali ta' talbiet għal evidenza elettronika u tweġibiet bejn l-awtoritajiet kompetenti. Wara li kkunsidraw għażliet differenti, l-esperti tal-Istati Membri li pparteċipaw fl-iżvilupp tal-pjattaforma waslu għall-konklużjoni li e-CODEX tkun l-aktar sistema adatta għal dan it-tip ta' skambju ta' evidenza elettronika. Din il-proposta tipprovdi soluzzjoni fit-tul għall-ġestjoni operattiva ta' e-CODEX u b'hekk tiżgura li tinżamm is-soluzzjoni magħżula għall-pjattaforma ta' skambju.

Il-proposta testendi l-mandat tal-eu-LISA biex tinkludi e-CODEX fost il-kompetenzi tagħha. Sabiex l-eu-LISA tiġġestixxi e-CODEX fi ħdan dak il-mandat, din il-proposta tinkludi wkoll emendi għar-Regolament li jistabbilixxi l-eu-LISA²².

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Is-sistema e-CODEX hija waħda mill-komponenti ewlenin tal-politika tal-Ġustizzja elettronika tal-Kummissjoni biex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja u l-effiċjenza tagħha fl-Istati Membri u hija inkluża fil-pjan ta' azzjoni tal-Ġustizzja elettronika Ewropea għall-2019-2023²³. Huwa kkonfermat ukoll bħala l-għodda ewlenija għal komunikazzjoni diġitali sigura fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea — Sett ta' għodod ta' opportunitajiet". Fil-kuntest ta' suq uniku diġitali li għandu l-għan li jipprovdi infrastrutturi u servizzi b'veloċità għolja, siguri u affidabbli, is-soluzzjonijiet għall-promozzjoni tal-Ġustizzja elettronika kienu parti mill-pjan ta' azzjoni tal-Gvern elettroniku tal-2016²⁴. Il-portal tal-Ġustizzja elettronika huwa punt uniku ta' servizz għall-informazzjoni ġudizzjarja fl-UE u joffri liċ-ċittadini l-possibbiltà li jippreżentaw talbiet żgħar u applikazzjonijiet għal ordnijiet ta' ħlas Ewropej b'mod elettroniku, bl-użu ta' e-CODEX, fl-Istati Membri fejn hija permessa t-trażmissjoni elettronika.

Is-sistema e-CODEX tiffurma parti mill-infrastruttura tas-servizzi diġitali tal-Ġustizzja elettronika fi ħdan il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)²⁵.

Barra minn hekk, wieħed mill-komponenti ta' e-CODEX ġie adottat u miżmum mill-Kummissjoni bħala parti mill-modulu tal-eDelivery fi ħdan il-FNE, li jurih bħala sistema utli mhux biss għall-ġustizzja, iżda wkoll f'oqsma oħra.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Peress li s-sistema e-CODEX tiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja kemm f'materji ċivili kif ukoll kriminali, il-bażi legali għas-sistema hija taħlita tal-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. B'mod aktar speċifiku, is-sistema e-CODEX tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili f'konformità mal-Artikolu 81(2). F'materji kriminali, l-Artikolu 82(1) huwa l-bażi legali għad-dritt tal-UE li taġixxi fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja biex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji jew ekwivalenti tal-Istati Membri fir-rigward ta' proċedimenti f'materji kriminali u l-infurzar ta' deċiżjonijiet.

²² Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

²³ Pjan ta' Azzjoni 2019-2023 tal-Ġustizzja elettronika Ewropea (ĠU C 96, 13.3.2019, p. 9).

²⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020 - Inħaffu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika COM/2016/179 final.

²⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

- **Sussidjarjetà**

Il-ħolqien ta' mekkaniżmu għall-iskambju sigur ta' informazzjoni fi proċedimenti gudiżzarji transfruntiera jinkiseb l-aħjar fil-livell tal-UE. Fin-nuqqas ta' azzjoni mill-UE, hemm probabbiltà kbira li l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw sistemi nazzjonali mingħajr ma jqisu jekk l-interoperabbiltà tistax tiġi żgurata bejniethom. Filwaqt li l-ġestjoni operattiva fil-livell tal-UE tinvolvi spejjeż, hija l-aħjar mod biex tinkiseb sistema interoperabbli għall-komunikazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti u għalhekk l-aħjar mod biex jinkiseb l-oġettiv ġenerali: żona komuni ta' sigurtà u ġustizzja li taħdem b'mod aktar effiċjenti.

L-istabbiliment ta' sistema komuni għall-iskambju diġitali transfruntier fil-livell tal-UE se jipprovdi soluzzjoni kummerċjalment disponibbli li tista' tintuża għal proċeduri legali differenti filwaqt li tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn is-sistemi nazzjonali. Sistema bħal din hija aktar effettiva milli jkun hemm sistemi diverġenti fil-livell nazzjonali, li mhux neċessarjament jiżguraw li l-komunikazzjoni transfruntiera bejn l-Istati Membri tkun possibbli. Barra minn hekk, li jkun hemm sistema komuni fil-livell tal-UE se jiġġenera ekonomiji ta' skala, peress li l-UE se jkollha timmaniġġja soluzzjoni tal-IT waħda biss għall-komunikazzjoni transfruntiera sigura fil-qasam tal-ġustizzja. Dan se jipprovdi wkoll valur miżjud għall-Istati Membri, peress li l-ispejjeż tad-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri transfruntiera tagħhom huma mistennija li jonqsu u jsiru inqas ta' xkiel għall-kooperazzjoni.

- **Proporzjonalità**

L-iżgurar tal-ġestjoni operattiva permanenti tas-sistema e-CODEX fil-livell tal-UE huwa mod proporzjonat għall-promozzjoni tal-komunikazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-ġustizzja. Li eu-LISA tiġi fdata bil-ġestjoni operattiva tas-sistema, jista' jinkiseb redditu adegwat fuq il-EUR 24 miljun investiti fl-iżvilupp tas-sistema Iż-żamma ta' din is-sistema hija soluzzjoni inqas għalja u inqas kumplessa meta mqabbla mal-iżvilupp ta' sistema ġdida jew l-użu ta' sistemi oħra li mhumieks imfassla apposta għall-qasam tal-ġustizzja.

Hemm diversi raġunijiet għaliex it-trasferiment tal-kompiti relatati ma' e-CODEX speċifikament lejn eu-LISA hija l-aktar għażla xierqa. Aġenzija speċjalizzata fil-ġestjoni tas-sistemi tal-IT ikollha l-għarfien meħtieġ biex topera e-CODEX. Peress li l-Istati Membri huma rappreżentati fil-bord tat-tmexxija tal-aġenziji, l-interessi tagħhom, kif ukoll l-interessi tal-ġudikaturi nazzjonali, jistgħu jiġu kkunsidrati. Barra minn hekk, fid-dawl tal-appoġġ qawwi tal-Istati Membri għas-soluzzjoni ta' eu-LISA, huwa aktar probabbli li s-sistema tiġi adottata minnhom jekk il-maniġment operazzjonali minn eu-LISA jintgħażel bħala soluzzjoni.

Aġenzija deċentralizzata tal-UE tkun tista' wkoll tirreaġixxi għall-ħtiġijiet tekniċi li qed jevolvu li joħroġu mill-Istati Membri li jużaw e-CODEX. Għalhekk, aġenzija bħal din tipprovdi soluzzjoni flessibbli u tkun tista' tagħmel il-bidliet tekniċi meħtieġa fis-sistema e-CODEX.

Fid-dawl tal-kompiti ġodda importanti li ġew allokati reċentement lil eu-LISA b'rabta mas-sistemi EES, ETIAS u ECRIS-TCN, kif ukoll il-proposti reċenti dwar l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, is-sistema e-CODEX jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lil eu-LISA qabel Lulju 2023.

- **Għażla tal-istrument**

Il-Kummissjoni qed tressaq proposta għal Regolament bħala l-istrument legali propost biex tiġi stabbilita s-sistema e-CODEX fil-livell tal-UE, u qed tafda lill-Aġenzija eu-LISA bit-tmexxija

operattiva tas-sistema. Għal dan il-għan, il-proposta temenda r-Regolament (UE) 2018/1726²⁶ li jistabbilixxi l-eu-LISA. Dan ir-Regolament huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha u jorbot fl-intier tiegħu. Għalhekk jiggarrantixxi applikazzjoni uniformi tar-regoli madwar l-UE u d-dħul fis-seħħ tagħhom fl-istess ħin. Dan joffri ċertezza legali billi jevita interpretazzjonijiet diverġenti fl-Istati Membri, u b'hekk tipprevjeni l-frammentazzjoni legali.

Bl-istabbiliment tas-sistema e-CODEX, l-adozzjoni tar-Regolament se tikkontribwixxi għall-adozzjoni ta' e-CODEX minn aktar Stati Membri għal proċeduri li fihom is-sistema diġà tintuża kif ukoll għal dawk futuri.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Ir-Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea²⁷ jinkludi *data* dwar l-għadd ta' ordnijiet ta' ħlas fl-UE u t-tul tal-proċedimenti. Din id-*data* ntużat fil-valutazzjoni tal-impatt biex jiġi stmat l-iffrankar potenzjali bħala riżultat tal-użu tas-sistema e-CODEX għas-sottomissjoni tal-ordnijiet ta' ħlas Ewropej.

• Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Il-professjonijiet legali ewlenin kollha ġew ikkonsultati mill-konsorzju e-CODEX dwar il-possibbiltà li l-ġestjoni operattiva ta' e-CODEX tiġi mgħoddija lil entità permanenti. Bħala parti mid-diskussjoni preparatorja fil-Kunsill mill-2014, inġabar feedback speċifiku mill-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE), in-Nutara tal-Ewropa (CNUE), il-Kamra Ewropea tal-Uffiċjali Ġudizzjarji (CEHJ) u l-Istitut tal-Liġi Ewropea (ELI). Barra minn hekk, il-konsorzju e-CODEX evalwa l-użu ta' e-CODEX fi proċeduri pilota differenti billi baġhat kwestjonarji lill-partijiet ikkonċernati, inklużi l-qrati, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u l-professjonisti legali. Ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni kienu ġeneralment pożittivi.

Il-konsorzju li jimmaniġġja s-sistema e-CODEX żamm djalogu regolari mal-partijiet ikkonċernati importanti kollha u mal-Istati Membri kollha permezz tal-Grupp ta' Esperti dwar kwistjonijiet relatati ma' e-CODEX, li huwa parti mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Ġustizzja elettronika u jiltaqa' minn erba' sa sitt darbiet fis-sena.

Barra minn hekk, il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Ġustizzja elettronika kellu laqgħat taħt il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni tiegħu fl-2016 u l-2017, fejn il-partijiet ikkonċernati ġew mistiedna jiddiskutu suġġetti relatati mal-e-Justice. e-CODEX kienet fuq l-aġenda ta' dawn iż-żewġ laqgħat. Il-grupp ta' Ħidma tal-Kunsill kellu aktar diskussjonijiet relatati ma' e-CODEX fl-2018 u l-2019.

Saret konsultazzjoni ulterjuri permezz tal-pubblikazzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu fis-17 ta' Lulju 2017. Dawk li wiegħbu ppreżentaw kummenti b'appoġġ għaż-żamma ta' e-CODEX u ffavorixxew li r-responsabbiltà għall-ġestjoni tiegħu tingħata lil aġenzija tal-UE. Dawk li wiegħbu

²⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

²⁷ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/ALL/?uri=CELEX:52015DC049552015DC0495>

kienu jinkludu professjonisti legali, awtoritajiet tal-Istati Membri u organizzazzjoni internazzjonali (il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat).

- **Ġbir u użu ta' għarfien esperti**

Studji mwettqa mill-konsorzju attwali e-CODEX²⁸ — b'mod partikolari dwar l-esperjenza miksuba mill-użu ta' e-CODEX fi proġetti pilota għal proċeduri legali bħall-proċedura Ewropea għal talbiet żgħar jew il-proċedura ta' ordni ta' ħlas Ewropea — intużaw matul il-valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta leġiżlattiva.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkummissjonat studju dwar is-sostenibbiltà fit-tul tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali (DSIs), li twettaq fl-2016-2017²⁹. Dan l-istudju kopra d-DSI tal-Ġustizzja elettronika, inkluż e-CODEX, u rrakkomanda trasferiment lil aġenzija regolatorja tal-UE bħala l-aħjar għażla biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-DSIs.

Barra minn hekk, studju reċenti kkummissjonat mill-gvern Estonjan u mwettaq minn PricewaterhouseCoopers³⁰ ikkonferma wkoll li l-aktar xenarju realistiku fit-terminu qasir sa medju jkun li e-CODEX jiġi ġestit fi ħdan l-istruttura ta' ġestjoni attwali tal-eu-LISA.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija sostnuta mill-valutazzjoni tal-impatt ippreżentata fid-dokument ta' ħidma tal-persunal SWD(2020) 541 li jakkumpanjah.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju wettaq eżami mill-ġdid tal-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt matul il-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2017 u pprova l-opinjoni tiegħu (pożittiva b'riżervi) fil-15 ta' Diċembru 2017 filwaqt li indika li l-valutazzjoni tal-impatt tiġi aġġustata biex jiġu integrati r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord dwar aspetti speċifiċi. Dawn kienu relatati l-ewwel nett mal-futur tas-sistema e-CODEX; il-Bord ikkunsidra li ma kienx ċar biżżejjed jekk l-għażla tal-aġenzija ospitanti kinitx diġà ġiet miftiehma bejn il-Kunsill u l-Kummissjoni. It-tieni nett, il-Bord ħass li r-rapport għandu jispjega aħjar għaliex l-użu ta' e-CODEX huwa baxx u kif ir-regolament propost se jegħleb l-ostakli eżistenti. It-tielet nett, il-Bord ikkunsidra li t-tqabbil bejn iż-żewġ għażliet għall-ospitar ta' e-CODEX għandu jkun aktar ibbilanċjat u inqas parzjali. Il-Kummissjoni aġġornat il-valutazzjoni tal-impatt tagħha biex twieġeb għal dawn il-kunsiderazzjonijiet ewlenin u biex tindirizza numru ta' kummenti oħra magħmula mill-Bord.

Il-valutazzjoni tal-impatt ivvalutat diversi għażliet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi. Ċerti għażliet twarrbu fi stadju bikri. Il-possibbiltà li tinholq entità legali separata, pereżempju, twarrbet fuq il-bażi li miżura bħal din tkun sproporzjonata fir-rigward tal-kompiti limitati li jingħataw lill-entità. L-għażla li tintuża jew li tiġi żviluppata sistema alternattiva twarrbet ukoll, l-aktar minħabba li s-soluzzjoni attwali ta' e-CODEX uriet li hija effettiva u effiċjenti ħafna fil-proċeduri li għalihom diġà qed tintuża, u huwa raġonevoli li wieħed jistenna redditu fuq il-EUR 24 miljun investiti fil-ħolqien tagħha. Barra minn hekk, soluzzjoni kummerċjali tqajjem kwistjonijiet rigward is-

²⁸ Studju mwettaq fil-Pakkett ta' Ħidma 3 tal-proġett e-CODEX (e-CODEX D3.5/D3.7/D3.8 WP3 Final Report).

²⁹ Il-Kummissjoni Ewropea (2017). *Long Term Sustainability of Digital Service Infrastructures, Is-sostenibbiltà fit-Tul tal-Infrastrutturi ta' Servizzi Diġitali*, il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea http://publications.europa.eu/resource/ellar/4374d088-c8ee-11e7-9b01-01aa75ed71a1.0001.01/DOC_1.

³⁰ Analizi futura "Governance model for the European Union IT Agency (eu-LISA)" - https://www.riigikantselei.ee/sites/default/files/content-editors/uuringud/governance_mode_for_the_european_union_it_agency_eu-lisa_final_report.pdf

sostenibbiltà fit-tul u l-integrità tad-*data*, peress li s-sid tas-sistema alternattiva jista' fit-teorija jkollu aċċess għad-*data* trasferita bl-użu ta' dik is-sistema. It-trasferiment ta' e-CODEX lil Stat Membru jew lil konsorzju ta' Stati Membri lanqas ma seta' jiġi kkunsidrat, peress li l-Istati Membri rrifjutaw b'mod ċar din il-possibbiltà. Il-preferenza tagħhom, kif espressa fil-konklużjonijiet tal-Kunsill, hija li r-responsabbiltà għall-ġestjoni operattiva ta' e-CODEX tingħata lil eu-LISA.

Taħt dawn il-kundizzjonijiet, ġew ivvalutati żewġ għażliet kontra x-xenarju bażi (li taħtu ma tiġi pprovduta l-ebda ġestjoni operazzjonali permanenti, li twassal għall-iskadenza ta' e-CODEX). Minn dawn it-tnejn, l-għażla li e-CODEX tiġi mgħoddija lil aġenzija tqieset l-aktar xierqa. L-għażla alternattiva — li l-Kummissjoni tiżgura l-ġestjoni operattiva ta' e-CODEX — tqieset inqas xierqa, peress li jkun aktar diffiċli li jiġi żgurat l-involvement tal-Istati Membri fil-governanza tas-sistema. L-Istati Membri jqisu li huwa importanti li l-ġestjoni tas-sistema tirrispetta bis-sħiħ l-indipendenza tal-ġudikaturi nazzjonali. Aġenzija tista' wkoll tkun soluzzjoni aktar flessibbli, li tippermetti li jittieħed kont aħjar tal-kontribut mill-partijiet ikkonċernati. Mill-aġenziji eżistenti, l-eu-LISA biss għandha l-esperjenza rilevanti fil-ġestjoni tas-sistemi tal-IT fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni u għalhekk jenħtieġ li tingħata l-kompitu li tiġġestixxi e-CODEX.

Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li l-benefiċċji jirriżultaw mill-użu ta' e-CODEX għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, peress li dan jiffaċilita u jħaffef il-proċedimenti ċivili u kriminali u l-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera. Dan jgħin biex jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku diġitali billi jżid l-effiċjenza tal-proċedimenti transfruntiera, u jkollu impatt pożittiv fuq il-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera billi jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti. L-użu tas-sistema e-CODEX fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera jista' wkoll jagħmel il-qrati nazzjonali aktar effiċjenti.

Fir-rigward tal-għażliet biex tiġi żgurata l-ġestjoni operattiva tas-sistema e-CODEX, il-valutazzjoni tal-impatt qieset li aġenzija regolatorja tal-UE bħal eu-LISA jkollha l-kapaċità xierqa għal dan il-għan. L-Aġenzija se tkun tista' tadatta s-sistema e-CODEX għall-ħtiġijiet tekniċi li joħorġu mill-Istati Membri li jużaw e-CODEX. Dan jippermetti li jiġi evitat kwalunkwe żvilupp asimmetriku fil-livell nazzjonali li potenzjalment jista' jaffettwa l-interoperabbiltà bejn is-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri.

L-SMEs u l-mikrointrapriżi jibbenefikaw mid-diġitalizzazzjoni tal-proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera ffaċilitati minn e-CODEX. Il-possibbiltà li jiġu ppreżentati talbiet lill-qrati online — pereżempju, applikazzjonijiet għal ordnijiet ta' ħlas Ewropej jew talbiet skont il-proċedura Ewropea għal talbiet żgħar (jekk permess skont il-liġi nazzjonali) — twassal għal iffrankar li jirriżulta minn tnaqqis fl-ispejjeż postali u proċeduri aktar effiċjenti u iqsar. Ma jkun hemm l-ebda spiża addizzjonali għall-SMEs (jew operaturi oħra) għall-użu ta' e-CODEX fi proċedura legali speċifika.

• **Drittijiet fundamentali**

Is-sistema e-CODEX tagħmilha aktar faċli għan-nies li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju ġudizzjarju effettiv, f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, "Id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust", peress li l-komunikazzjoni elettronika u t-trażmissjoni tad-dokumenti jiffaċilitaw u jħaffu l-proċedimenti tal-qorti. Il-partijiet ikkonċernati indikaw li l-Artikolu 47 jiggarantixxi wkoll id-dritt għal tribunal imparzjali u indipendenti, u li sabiex ikun konformi ma' dak l-Artikolu, il-governanza u l-koordinazzjoni futuri ta' e-CODEX u tal-attivitajiet relatati ma' e-CODEX jeħtieġ li jirrispettaw dak id-dritt.

Peress li s-sistema e-CODEX hija sistema deċentralizzata, mhu se ikun hemm l-ebda ħżin ta' *data* jew ipproċessar ta' *data* mill-entità fduta bil-ġestjoni operattiva tal-komponenti tas-sistema lil hinn

minn dak li huwa meħtieġ biex jinżammu kuntatti mal-entitajiet li joperaw il-punti ta' aċċess e-CODEX. Dawn l-entitajiet għandhom ir-responsabbiltà li jistabbilixxu u jħaddmu n-networks differenti ta' e-CODEX, u għalhekk se jkunu l-uniċi responsabbli għad-*data* personali trażmessa permezz tal-punti ta' aċċess rispettivi. Skont jekk punt ta' aċċess huwiex operat minn istituzzjoni, korp jew aġenzija tal-UE jew fil-livell nazzjonali, u skont liema awtoritajiet nazzjonali qed jipproċessaw *data* personali u għal liema finijiet, jew ir-Regolament (UE) Nru 2018/1725³¹ jew ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jew id-Direttiva (UE) 2016/680 se japplikaw³².

eu-LISA, kif diġà huwa l-każ, trid tikkonforma mar-Regolament (UE) 2018/1725 meta tipproċessa *data* personali. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-kompitu li jsiru aktar żviluppi tekniċi fis-sistema, dan jinkludi l-iżgurar li kwalunkwe titjib jew verżjoni ġdida tal-komponenti tas-software fdati f'idejn eu-LISA jirrispettaw ir-reswiżiti tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku. L-Artikolu 10 ta' din il-proposta jagħmel lil eu-LISA responsabbli għat-tweqqif ta' dan il-kompitu, u għas-sigurtà tad-*data* b'mod ġenerali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-ispejjeż totali għall-2022-2027 jammontaw għal EUR 9,667 miljun (spiża medja fis-sena ta' EUR 1,611 miljun). Minn dan l-ammont, il-finanzjament ta' eu-LISA għall-istess perjodu huwa ta' EUR 8,723 miljun.

L-ispejjeż jinkludu r-riżorsi umani addizzjonali meħtieġa għall-attivitajiet li għandhom jitwettqu minn eu-LISA u mill-Kummissjoni. F'eu-LISA, ir-reklutaġġ ta' riżorsi interni se jibda mill-1 ta' Settembru 2022 b'żewġ karigi ta' CA biex jipprovdu trasferiment bla xkiel. Mill-1 ta' Jannar 2023, eu-LISA għandu jkollha total ta' żewġ Aġent Temporanju u 3 Aġenti Kuntrattwali, li se jiżguraw il-funzjonijiet ewlenin fir-rigward ta' e-CODEX. Barra minn hekk, il-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi) se jkollha tkun involuta fil-forniment ta' governanza tal-politika tal-ħidma ta' eu-LISA, fil-monitoraġġ tal-Aġenzija, u fit-tnejn tal-atti ta' implimentazzjoni meħtieġa b'mandat mir-Regolament. Kariga statutorja addizzjonali ġiet alllokata fil-baġit għal dan mill-2022.

Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li takkumpanja din il-proposta fiha spjegazzjonijiet dettaljati tal-ispejjeż.

³¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

³² Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni ta' *Data*) u d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

L-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX se tkompli tkun responsabbli għaliha sal-finalizzazzjoni b'suċċess tal-proċess ta' trasferiment/akkwist. Il-proċess ta' trasferiment tas-sistema lil eu-LISA huwa skedat li jdum mhux aktar minn sitt xhur li jibda fl-1 ta' Jannar 2023. Matul dan il-perjodu, l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX se żżomm ir-responsabbiltà sħiħa għas-sistema e-CODEX. Dan il-perjodu se jippermetti lil eu-LISA tagħmel it-tħejjijiet meħtieġa għat-teħid ta' kontroll tas-sistema. L-Aġenzija għandha tirrekluta l-persunal meħtieġ u tippjana għall-attivitajiet ta' akkwist kif xieraq.

Sentejn wara li eu-LISA tieħu f'idejha r-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX u kull sentejn wara dan, eu-LISA trid tipprovdi lill-Kummissjoni b'rapport komprensiv tal-attivitajiet dwar l-evoluzzjoni teknika u l-funzjonament tas-sistema e-CODEX matul il-perjodu ta' rapportar, inkluża s-sigurtà tagħha. Dawn ir-rapporti se jkunu bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta kull sena mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. Dawn se jkun fihom il-lista ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati; inventarju tal-proċeduri ċivili u kriminali transfruntiera bl-użu tas-sistema e-CODEX; il-grad ta' diġitalizzazzjoni ta' kull proċedura ċivili jew kriminali transfruntiera; l-għadd ta' messaġġi operazzjonali mibgħuta lil u riċevuti minn kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra involuti f'kull proċedura ċivili u kriminali transfruntiera; u l-għadd u t-tip ta' inċidenti li għandhom impatt fuq is-sigurtà tas-sistema e-CODEX.

Tliet snin wara li eu-LISA tieħu r-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni trid tipproduċi evalwazzjoni ġenerali tas-sistema e-CODEX, inkluża valutazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament, eżami tar-riżultati miksuba meta mqabbla mal-oġettivi. L-ewwel evalwazzjoni għandha tinkludi wkoll valutazzjoni tal-funzjonament tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm, u jekk għandhiex tinżamm. B'kont meħud tal-eżitu ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tieħu kwalunkwe azzjoni futura meħtieġa.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jispjega s-suġġett tar-Regolament. Ir-Regolament jistabbilixxi s-sistema e-CODEX u jafda l-ġestjoni operattiva tagħha lil eu-LISA. Barra minn hekk, ir-Regolament jistabbilixxi r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri u tal-entitajiet li joperaw il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati.

L-Artikolu 2 jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Ir-Regolament japplika għat-trasmissjoni elettronika ta' informazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera permezz tas-sistema e-CODEX, f'konformità mal-istrumenti legali adottati fil-kooperazzjoni ċivili u kriminali. L-Anness I jipprovdi lista ta' dawn l-istrumenti.

L-Artikolu 3 fih id-definizzjonijiet tat-termini użati f'dan ir-Regolament.

L-Artikolu 4 jiddefinixxi s-sistema e-CODEX u jistabbilixxi l-kompożizzjoni tagħha, li tikkonsisti minn software ta' punt ta' aċċess (inkluż gateway u konnettur). Barra minn hekk, is-sistema e-CODEX hija magħmula minn standards proċedurali diġitali li jagħmlu l-interkonnessjoni bejn il-punti ta' aċċess possibbli.

L-Artikolu 5 jagħti mandat lill-Kummissjoni biex sal-31 ta' Diċembru 2022 tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddefinixxu r-rekwiżiti tal-livell ta' servizz għall-attivitajiet imwettqa mill-eu-LISA. Jagħti mandat ukoll lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni

l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards tekniċi minimi, inkluż dwar is-sigurtà, li jirfdu l-prodotti tas-software inklużi fis-sistema e-CODEX; ir-rekwiżiti tal-livell ta' servizz u speċifikazzjonijiet tekniċi neċessarji oħra għall-attivitajiet li għandhom jitwettqu mill-eu-LISA f'konformità mal-Artikolu 6; kif ukoll it-termini tal-proċess ta' trasferiment/akkwist. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tadotta wkoll atti ta' implimentazzjoni dwar l-arranġamenti tekniċi għall-użu tas-sistema e-CODEX fil-proċeduri ċivili u kriminali transfruntiera differenti elenkati fl-Anness I. Il-Kummissjoni tingħata wkoll ir-responsabbiltà li żżomm lista ta' punti ta' aċċess ta' e-CODEX awtorizzati operati minn istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji tal-UE, li tinnotifika lill-eu-LISA bi kwalunkwe bidla f'din il-lista, u li taħtar korrispondenti li huma intitolati li jirċievu appoġġ dwar kif jużaw is-sistema e-CODEX.

L-Artikolu 6 jistabbilixxi r-responsabbiltajiet ta' eu-LISA għall-ġestjoni operattiva tas-sistema e-CODEX. Hija timponi wkoll fuq l-eu-LISA ċerti kompiti addizzjonali fir-rigward tas-sistema e-CODEX u l-ħidma teknika korrispondenti fir-rigward tal-komponenti msemmija fl-Artikolu 4 li għalihom hija responsabbli eu-LISA.

L-Artikolu 7 jagħti lill-Istati Membri r-responsabbiltà li jżommu lista ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati, li jitħaddmu fit-territorju tagħhom; tinforma lil eu-LISA bi kwalunkwe bidla f'dik il-lista, u tinnomina korrispondenti li huma intitolati li jirċievu appoġġ dwar kif jużaw is-sistema e-CODEX.

L-Artikolu 8 jiddefinixxi r-responsabbiltajiet tal-entitajiet li jħaddmu l-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati. Dawn jinkludu r-responsabbiltà għall-istabbiliment u t-tħaddim sigur tal-punt ta' aċċess, kif ukoll għal kwalunkwe ħsara li ssirlu u għas-sigurtà tad-data trażmessa permezz tiegħu. Huma se jkunu responsabbli wkoll għall-ġbir ta' informazzjoni statistika dwar l-operat tagħhom.

L-Artikolu 9 jispeċifika l-proċedura għat-trasferiment tas-sistema e-CODEX mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX għal eu-LISA, inkluż rwol ta' monitoraġġ għall-Kummissjoni. L-aktar data bikrija proposta għat-teħid tal-kontroll hija l-1 ta' Lulju 2023, sabiex eu-LISA jkollha żmien biex twettaq il-kompiti diġà fdati lilha għas-sistemi tal-EES, tal-ETIAS u ECRIS-TCN, għall-modernizzazzjoni tas-SIS u tal-VIS u għall-iżgurar tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE. L-akkwist isir biss meta l-Kummissjoni tiddikjara li l-proċess ta' trasferiment/akkwist ikun tlesta b'suċċess. Sal-31 ta' Diċembru 2022, l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX jenħtieġ li tippreżenta dokument ta' trasferiment li jispeċifika l-arranġamenti għat-trasferiment tas-sistema e-CODEX lil eu-LISA. Matul il-perjodu ta' trasferiment, l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX se żżomm ir-responsabbiltà sħiħa għas-sistema e-CODEX u tiżgura li jitwettqu biss attivitajiet ta' manutenzjoni korrettiva fis-sistema. It-trasferiment ikopri l-komponenti tas-sistema e-CODEX definiti fl-Artikolu 4, jiġifieri l-konnettur u l-istandards proċedurali diġitali, kif ukoll il-prodotti ta' appoġġ elenkati fl-Anness II. L-Artikolu 9 ikompli jiċċara li t-trasferiment għandu jiżgura wkoll li kwalunkwe dritt ta' proprjetà intellettuali jew dritt ta' użu relatat mas-sistema e-CODEX u l-prodotti ta' appoġġ elenkati fl-Anness II jiġu ttrasferiti, sabiex l-eu-LISA tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha. Madankollu, għall-komponenti ewlenin tas-software tas-sistema, jenħtieġ li ma jkunx meħtieġ trasferiment kuntrattwali, peress li s-software Domibus huwa sors miftuħ u kopert mil-liċenzja tal-EUPL.

L-Artikolu 10 jipprevedi rekwiżiti dwar is-sigurtà, filwaqt li jagħti r-responsabbiltà ġenerali għas-sigurtà tas-sistema e-CODEX lill-eu-LISA meta twettaq il-kompiti ta' ġestjoni operattiva tagħha. eu-LISA trid tiżgura li s-sistema e-CODEX timplimenta l-prinċipji tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku. Huwa jikkjarifika wkoll li r-responsabbiltà għas-sigurtà tad-

data trażmessa permezz ta' punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat hija tal-entità li topera l-punt ta' aċċess.

L-Artikolu 11 jipprevedi li se jitwaqqaf Grupp Konsultattiv (AG) e-CODEX mill-eu-LISA, li se jassisti fil-ħidma fuq is-sistema e-CODEX. L-AG se jipprovdi lill-eu-LISA bl-għarfien espert meħtieġ relatat mas-sistema e-CODEX u se jsegwi wkoll l-istat ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri, fost kwistjonijiet oħra.

L-Artikolu 12 jistabbilixxi Bord tat-Tmexxija tal-Programm (PMB) li se jassisti lill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA biex jiżgura l-ġestjoni adegwata tas-sistema e-CODEX. Il-PMB se jkun korp intermedjarju bejn il-Gruppi Konsultattivi u l-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA. B'mod partikolari, se jimmonitorja l-attivitajiet ta' trasferiment biex jiżgura teħid f'waqtu tas-sistema minn eu-LISA. Il-PMB se jiżgura wkoll prijoritizzazzjoni xierqa tal-ħidma fuq is-sistema e-CODEX u jagħmilha ta' medjatur fir-rigward ta' kwistjonijiet kontenzjużi potenzjali.

L-Artikolu 13 jagħti lill-eu-LISA l-kompitu li ttipprovdi taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistema e-CODEX.

L-Artikolu 14 jagħti dettalji dwar l-informazzjoni li l-Istati Membri u l-Kummissjoni huma obbligati jipprovdu lil eu-LISA: inventarju tal-proċeduri ċivili u kriminali transfruntiera li għalihom tintuża s-sistema e-CODEX; il-firxa sa fejn is-sistema e-CODEX tista' tintuża fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera; l-għadd ta' messaġġi operazzjonali mibgħuta u riċevuti minn kull punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat li jopera fit-territorju tagħhom; kif ukoll l-għadd u t-tip ta' inċidenti li jiltaqgħu magħhom l-entitajiet li joperaw punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati fit-territorju tal-Istat Membru u li jkollhom impatt fuq is-sigurtà tas-sistema e-CODEX.

L-Artikolu 15 jistabbilixxi regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar. Kull sentejn, eu-LISA għandha ttipprovdi lill-Kummissjoni b'rapporti dwar is-sistema e-CODEX, bl-użu ta' informazzjoni mill-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha ttippreżenta rapport dwar is-sistema e-CODEX tliet snin wara l-akkwiżizzjoni u kull erba' snin wara dan.

L-Artikolu 16 jirregola l-emendi għar-Regolament (UE) 2018/1726 għar-responsabbiltajiet u l-kompiti l-ġodda ta' eu-LISA bis-sistema e-CODEX.

L-Artikolu 17 jikkonċerna l-proċedura ta' komitoloġija li trid tintuża, abbażi ta' dispożizzjoni standard.

L-Artikolu 18 jistipula li l-ispejjeż imġarrba għall-ġestjoni operattiva tas-sistema e-CODEX għandhom jiġihallu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. B'kuntrast ma' dan, l-Istati Membri se jerfgħu l-ispejjeż taż-żamma ta' lista ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati fil-livell nazzjonali u l-ispejjeż tan-nomina tal-korrispondenti e-CODEX skont l-Artikolu 7. L-ispejjeż għall-istabbiliment u t-tħaddim tas-sistema e-CODEX fil-livell nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 8 se jiġihallu mill-entitajiet li joperaw il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati.

L-Artikolu 19 jipprovdi li r-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Anness I jelenka l-atti legali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-Anness II jelenka l-prodotti tas-software ta' appoġġ li għandhom jingħataw lil eu-LISA f'konformità mal-Artikolu 9.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(2) u l-Artikolu 82(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-iżgurar ta' aċċess effettiv għal ċittadini u negozji għall-ġustizzja u l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni għodizzjarja bejn l-Istati membri huma fost l-oġettivi ewlenin tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja tal-UE minnha fit-Titolu V tat-Trattat.
- (2) Għalhekk huwa importanti li jiġi żviluppati mezzi xierqa biex jiġi żgurat li s-sistemi għodizzjarji jkunu jistgħu jikkooperaw b'mod diġitali b'mod effiċjenti. Għalhekk, huwa essenzjali li jiġi stabbilit, fil-livell tal-Unjoni, strument tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jippermetti skambju elettroniku transfruntier rapidu, dirett, interoperabbli, affidabbli u sigur ta' *data* relatata mal-każijiet. Tali sistema, li tippermetti liċ-ċittadini u lin-negozji jiskambjaw dokumenti u evidenza f'forma diġitali ma' awtoritajiet għodizzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra, meta tkun prevista mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni, għandha tikkontribwixxi għat-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja.
- (3) Hemm għodod li ġew żviluppati għall-iskambju diġitali ta' *data* relatata mal-każ, mingħajr ma ġew sostitwiti jew meħtieġa modifiki għaljin għas-sistemi back-end eżistenti diġà stabbiliti fl-Istati Membri. Il-Komunikazzjoni dwar il-Ġustizzja Elettronika permezz ta' Skambju ta' *Data* Online (e-CODEX) hija l-għodda ewlenija żviluppata s'issa.
- (4) Is-sistema e-CODEX hija għodda mfassla speċifikament biex tiffaċilita l-iskambju elettroniku transfruntier ta' messaġġi fil-qasam tal-ġustizzja. Fil-kuntest ta' żieda fid-diġitalizzazzjoni tal-proċedimenti f'materji ċivili u kriminali, l-għan tas-sistema e-CODEX huwa li ttejjeb l-effiċjenza tal-komunikazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti u tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja taċ-ċittadini u n-negozji. sal-lum għet ġestita minn konsorzju ta' Stati Membri u organizzazzjonijiet b'finanzjament mill-programmi tal-Unjoni

- (5) Is-sistema e-CODEX tikkonsisti f'żewġ elementi ta' software: is-software Domibus Gateway għall-iskambju ta' messaġġi ma' gateways oħra u mas-software tal-konnettur Domibus, li jipprovdi għadd ta' funzjonalitajiet relatati mat-trażmissjoni ta' messaġġi bejn is-sistemi nazzjonali. Il-portal huwa bbażat fuq il-modulu tal-eDelivery miżmum mill-Kummissjoni, filwaqt li l-ġestjoni operattiva tal-konnettur titwettaq minn konsorzju ta' Stati Membri u organizzazzjonijiet b'finanzjament minn Programmi tal-Unjoni (l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX). Is-software tal-konnettur jipprovdi funzjonijiet bħall-verifika tal-firem elettroniċi permezz ta' librerija tas-sigurtà u prova tal-konsenja. Barra minn hekk, l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX żviluppat mudelli għall-formoli diġitali li għandhom jintużaw fil-proċeduri ċivili u kriminali speċifiċi li għalihom ġiet ippilotata s-sistema e-CODEX.
- (6) Minħabba l-importanza tas-sistema e-CODEX għall-iskambji transfruntiera fil-qasam tal-ġustizzja fl-Unjoni, għandu jkun hemm qafas legali sostenibbli tal-Unjoni li jistabbilixxi s-sistema e-CODEX u li jipprovdi regoli dwar il-funzjonament u l-iżvilupp tagħha. Tali qafas legali għandu jiddefinixxi b'mod ċar u jinkwadra l-komponenti tas-sistema e-CODEX sabiex jiggarrantixxi s-sostenibbiltà teknika tagħha. Jenħtieġ li s-sistema tiddefinixxi l-komponenti tal-IT ta' punt ta' aċċess, li jenħtieġ li jikkonsistu minn portal għall-fini ta' komunikazzjoni sigura ma' gateways oħra identifikati u konnettur għall-fini ta' appoġġ għall-iskambji tal-messaġġi. Jenħtieġ li tinkludi wkoll standards proċedurali diġitali li jikkonsistu minn mudelli tal-proċess tan-negozju u mudelli li jiddefinixxu l-format elettroniku tad-dokumenti użati fil-kuntest ta' dawk il-proċeduri biex jappoġġaw l-użu tal-punti ta' aċċess e-CODEX għall-proċeduri legali previsti mill-atti legali adottati fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u biex jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-punti ta' aċċess.
- (7) Peress li huwa meħtieġ li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema e-CODEX u l-governanza tagħha filwaqt li titqies l-indipendenza tal-ġudikaturi nazzjonali, għandha tinħatar entità xierqa għall-ġestjoni operattiva tas-sistema.
- (8) L-aktar entità xierqa għall-ġestjoni operattiva tas-sistema hija aġenzija, peress li l-istruttura ta' governanza tagħha tippermetti l-involviment tal-Istati Membri fil-ġestjoni operattiva tas-sistema permezz tal-parteċipazzjoni fil-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija, fil-Gruppi Konsultattivi u fil-Bordijiet tat-Tmexxija tal-Programm. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³ għandha esperjenza rilevanti fil-ġestjoni ta' Sistemi tal-IT fuq skala kbira. Għalhekk, jenħtieġ li eu-LISA tiġi fdata bit-tmexxija operattiva tas-sistema e-CODEX. Jeħtieġ ukoll li tiġi aġġustata l-istruttura ta' governanza eżistenti tal-eu-LISA billi jiġu adattati r-responsabbiltajiet tal-Bord tat-Tmexxija tagħha u billi jiġi stabbilit Grupp Konsultattiv e-CODEX. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/1726 jiġi emendat skont dan. Jenħtieġ li jiġi stabbilit ukoll Bord tat-Tmexxija tal-Programm speċifiku.
- (9) Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2018/1726, ir-rwol tal-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA huwa li jiżgura li d-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet kollha tal-Aġenzija li jaffettwaw is-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja

³³ Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

jirrispettaw il-prinċipju tal-indipendenza tal-ġudikatura. L-istruttura ta' governanza tal-Aġenzija u l-iskema ta' finanzjament ikomplu jggarantixxu r-rispett ta' dak il-prinċipju. Huwa importanti wkoll li jiġu involuti l-professjonijiet legali u partijiet interessati oħra fil-governanza tas-sistema e-CODEX permezz tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm.

- (10) Minħabba l-kompiti prijoritarji ta' eu-LISA li tiżviluppa u timmaniġġja s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen riveduta (SIS), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-Eurodac, kif ukoll il-kompitu strateġiku biex jiġi stabbilit qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, jenħtieġ li eu-LISA ma terfax ir-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX qabel l-1 ta' Lulju 2023.
- (11) Is-sistema e-CODEX tista' tintuża fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera. Madankollu, minħabba n-natura ta' sors miftuħ tagħha, tista' tintuża wkoll f'sitwazzjonijiet oħra. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal kwalunkwe użu tas-sistema e-CODEX li mhuwiex ibbażat fuq l-atti legali elenkati fl-Anness I.
- (12) Eu-LISA jenħtieġ li jkollha r-responsabbiltà għall-komponenti tas-sistema e-CODEX, ħlief għall-ġestjoni operattiva tas-software Domibus Gateway, peress li dak is-software bħalissa huwa pprovdut fuq bażi transsettorjali fi ħdan il-modulu tal-eDelivery mill-Kummissjoni. Eu-LISA jenħtieġ li tiegħu f'idejha r-responsabbiltà sħiħa għall-ġestjoni operazzjonali tas-software Domibus Connector u l-istandards proċedurali diġitali mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX. Peress li d-Domibus Gateway u d-Domibus Connector huma komponenti integrali ta' e-CODEX, jenħtieġ li eu-LISA tiżgura l-kompatibbiltà tal-konnettur mal-aħħar verżjoni tal-portal. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi lil eu-LISA fil-korp ta' governanza rilevanti tal-moduli tal-eDelivery mill-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (13) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴. L-atti ta' implimentazzjoni adottati f'dak il-qafas għandhom jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards tekniċi minimi, inkluż dwar is-sigurtà, li jirfdu l-komponenti tas-sistema e-CODEX; jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-livell ta' servizz għall-attivitajiet imwettqa minn eu-LISA u speċifikazzjonijiet tekniċi neċessarji oħra għal dawn l-attivitajiet; kif ukoll jistabbilixxi t-termini tal-proċess ta' trasferiment/akkwist. L-atti ta' implimentazzjoni jistgħu jistabbilixxu wkoll l-arranġamenti tekniċi li jappoġġaw l-użu tas-sistema e-CODEX fil-proċeduri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.
- (14) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-responsabbiltajiet speċifiċi ta' eu-LISA fir-rigward tal-ġestjoni operazzjonali tas-sistema e-CODEX.
- (15) Jenħtieġ li l-Istati Membri jżommu lista ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati operati fit-territorju tagħhom, u jikkomunikawhom lill-eu-LISA sabiex tkun tista' ssir

³⁴ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

l-interazzjoni bejniethom fil-kuntest tal-proċeduri rilevanti. Il-Kummissjoni għandha żżomm lista simili ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati operati mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni għall-istess raġuni. L-entitajiet li joperaw il-punti ta' aċċess fil-livell nazzjonali jistgħu jkunu awtoritajiet pubbliċi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw professjonisti legali jew kumpaniji privati. B'kont meħud tan-natura deċentralizzata tas-sistema e-CODEX, filwaqt li eu-LISA jenħtieġ li tiżgura l-ġestjoni operattiva tas-sistema e-CODEX, ir-responsabbiltà għall-istabbiliment u t-tħaddim tal-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati jenħtieġ li tkun esklużivament tal-entitajiet li joperaw il-punti ta' aċċess rilevanti. L-entitajiet li joperaw il-punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat għandhom iġorru r-responsabbiltà għal kwalunkwe dannu li jirriżulta mill-operazzjoni tal-punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat.

- (16) Is-sistemi nazzjonali interkonnessi permezz tas-sistema e-CODEX jenħtieġ li jippermettu l-monitoraġġ tal-effiċjenza u l-effettività tagħha billi jipprovdu mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-outputs, tar-riżultati u tal-impatti tal-istrumenti li jippermettu t-trażmissjoni ta' *data* elettronika fil-kuntest ta' proċedimenti ċivili transfruntiera u fi proċedimenti kriminali fl-Unjoni. Is-sistemi konnessi mal-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati għandhom għalhekk ikunu jistgħu jiġbru u jżommu b'mod sistematiku *data* komprensiva dwar l-użu ta' proċedimenti ċivili u kriminali skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-atti legali elenkati fl-Anness I. Dan mhux biss għandu jtaffi l-ħidma tal-Istati Membri fil-ġbir tad-*data* rilevanti u jiżgura r-responsabbiltà reċiproka u t-trasparenza, iżda jiffaċilita wkoll b'mod sinifikanti l-monitoraġġ *ex post* tal-atti legali adottati fil-qasam tal-kooperazzjoni ċivili u kriminali mill-Kummissjoni. L-informazzjoni miġbura għandha tinkludi biss *data* aggregata u m'għandhiex tikkostitwixxi *data* personali.
- (17) Jenħtieġ li eu-LISA żżomm livell għoli ta' sigurtà meta twettaq il-kompiti tagħha. Meta twettaq aktar evoluzzjonijiet tekniċi tas-software, jenħtieġ li eu-LISA timplimenta l-prinċipji tas-sigurtà mid-disinn u tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku, f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725. L-entitajiet li joperaw il-punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat għandhom iġorru r-responsabbiltà għas-sigurtà tad-*data* trażmessa permezz tal-punti ta' aċċess tagħhom.
- (18) F'każ li l-informazzjoni klassifikata tkun teħtieġ li tiġi pproċessata bl-użu tas-sistema e-CODEX, is-sistema tkun teħtieġ li tiġi akkreditata f'konformità mar-regoli tas-sigurtà tal-informazzjoni ta' eu-LISA.
- (19) Sabiex eu-LISA tkun tista' tħejji l-akkwist b'mod adegwat, l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX jenħtieġ li tħejji sal-31 ta' Diċembru 2022 dokument ta' trasferiment li jistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati għat-trasferiment tas-sistema e-CODEX, inklużi l-kriterji għal proċess ta' trasferiment b'suċċess u t-tlestija tiegħu, f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Id-dokument ta' trasferiment għandu jkopri l-komponenti tas-sistema e-CODEX inkluż il-portal, il-konnettur u l-istandards proċedurali diġitali, kif ukoll il-prodotti ta' appoġġ rilevanti. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-proċess ta' trasferiment/akkwist sabiex tiżgura l-konformità tiegħu mal-atti ta' implimentazzjoni u d-dokument ta' trasferiment, u l-akkwist għandu jseħħ biss ladarba l-Kummissjoni tkun iddikjarat li l-proċess ikun tlesta b'suċċess. Wara li tissottometti d-dokument ta' trasferiment u sakemm is-sistema e-CODEX tgħaddi b'suċċess lil eu-LISA, l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX jenħtieġ li ma tagħti l-ebda rilaxx ġdid iżda jenħtieġ li tiżgura biss attivitajiet ta' manutenzjoni korrettiva tas-sistema e-CODEX.

- (20) Jenħtieġ li t-trasferiment jiżgura wkoll li kwalunkwe dritt ta' proprjetà intellettuali jew dritt ta' użu relatat mas-sistema e-CODEX u l-prodotti ta' appoġġ rilevanti jiġu ttrasferiti sabiex l-eu-LISA tkun tista' twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha skont dan ir-Regolament. Madankollu, għall-komponenti ewlenin tas-software tas-sistema, jenħtieġ li ma jkunx meħtieġ trasferiment kuntrattwali, peress li s-software Domibus huwa sors miftuħ u kopert mil-Liċenzja Pubblika tal-Unjoni Ewropea (EUPL).
- (21) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tevalwa s-sistema e-CODEX fuq bażi regolari, jenħtieġ li eu-LISA tirrapporta lill-Kummissjoni kull sentejn dwar l-evoluzzjoni teknika u l-funzjonament tekniku tas-sistema e-CODEX. Sabiex jikkontribwixxu għal dan ir-rapport, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu lil eu-LISA l-informazzjoni rilevanti dwar il-punti ta' aċċess operati fit-territorju tagħhom u jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni simili dwar il-punti ta' aċċess operati mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni.
- (22) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jipprovdi l-ebda bażi legali speċifika għall-ipproċessar ta' *data* personali. Kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali mwettaq fil-qafas ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*. Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵ u d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶, japplikaw għall-ipproċessar ta' *data* personali mwettaq minn punti ta' aċċess e-CODEX, imħaddma minn punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati li huma stabbiliti fit-territorju tal-Istati Membri skont dan ir-Regolament.
- (23) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷ jenħtieġ li japplika għall-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Unjoni meta jkun qegħdin iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom skont dan ir-Regolament.
- (24) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (25) F'konformità mal-Artikoli 1, 2 u 4a tal-Protokoll(1) Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

³⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

³⁶ Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

³⁷ Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

[jew]

- (26) F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tiegħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (27) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat u ta opinjoni fil-....³⁸,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1 *Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema tal-IT deċentralizzata għall-komunikazzjoni transfruntiera bil-għan li jiġi ffaċilitat l-iskambju elettroniku ta' dokumenti, talbiet, forom legali, evidenza jew informazzjoni oħra b'mod sigur u affidabbli f'proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera (Komunikazzjoni dwar il-Ġustizzja elektronika permezz tal-Iskambju ta' Data Online — sistema e-CODEX).

Jistabbilixxi regoli dwar dan li ġej:

- (a) id-definizzjoni u l-kompożizzjoni tas-sistema e-CODEX;
- (b) it-tmexxija operattiva tas-sistema e-CODEX mill-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispace ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA);
- (c) ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri u tal-entitajiet li joperaw il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati.

Artikolu 2 *Kamp ta' applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu japplika għat-trasmissjoni elettronika ta' informazzjoni fil-kuntest ta' proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera permezz tas-sistema e-CODEX f'konformità mal-atti legali adottati fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja elenkati fl-Anness 1.

Artikolu 3 *Definizzjonijiet*

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "punt ta' aċċess e-CODEX" tfisser il-punt ta' aċċess installat fuq infrastruttura tal-hardware, li kapaċi jittrażmetti u jirċievi informazzjoni lejn u minn punti ta' aċċess e-CODEX oħra b'mod affidabbli;

³⁸ ĠU ...

- (b) “punt ta’ aċċess awtorizzat e-CODEX” tfisser punt ta’ aċċess e-CODEX li ġie nnotifikat lil eu-LISA f’konformità mal-Artikolu 5(4) jew l-Artikolu 7(1) u li qed jopera standard proċedurali diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 4(3);
- (c) “entità li topera punt ta’ aċċess e-CODEX awtorizzat” tfisser istituzzjoni, korp jew aġenzija tal-Unjoni, awtorità pubblika nazzjonali jew persuna ġuridika li topera punt ta’ aċċess e-CODEX awtorizzat;
- (d) “sistema konnessa” tfisser sistema tal-IT li hija konnessa ma’ punt ta’ aċċess e-CODEX għall-fini ta’ komunikazzjoni ma’ punti ta’ aċċess e-CODEX oħrajn;
- (e) “pjattaforma ċentrali tal-ittestjar” tfisser punt ta’ aċċess e-CODEX użat esklussivament għall-ittestjar, li jipprovdi sett ta’ funzjonijiet li jistgħu jintużaw minn entitajiet li joperaw punti ta’ aċċess e-CODEX awtorizzati biex jivverifikaw l-operat korrett tal-punti ta’ aċċess tagħhom u l-użu korrett tal-istandards proċedurali diġitali e-CODEX fis-sistemi konnessi ma’ dawn il-punti ta’ aċċess;
- (f) “mudell ta’ proċess tan-negozju” tfisser rappreżentazzjoni grafika u testwali ta’ mudell kunċettwali ta’ diversi attivitajiet jew kompiti strutturati relatati, flimkien mal-mudelli tad-*data* rilevanti, u s-sekwenza li fiha l-attivitajiet jew il-kompiti jridu jittwettqu, sabiex tinkiseb interazzjoni sinifikanti bejn żewġ partijiet jew aktar;
- (g) “Ġestjoni operattiva” tfisser il-kompiti kollha meħtieġa biex is-sistema e-CODEX tibqa’ tiffunzjona f’konformità ma’ dan ir-Regolament.

Kapitolu 2

Kompożizzjoni, funzjonijiet u responsabbiltajiet fir-rigward tas-sistema e-CODEX

Artikolu 4

Kompożizzjoni tas-sistema e-CODEX

1. Is-sistema e-CODEX għandha tkun magħmula minn punt ta’ aċċess e-CODEX u standards proċedurali diġitali.
2. Il-punt ta’ aċċess e-CODEX għandu jkun magħmul minn:
 - (a) portal li jikkonsisti minn software, ibbażat fuq sett komuni ta’ protokolli, li jippermetti l-iskambju sigur ta’ informazzjoni fuq network tat-telekomunikazzjoni ma’ gateways oħra li jużaw l-istess sett komuni ta’ protokolli;
 - (b) konnettur, li jagħmilha possibbli li s-sistemi konnessi jiġu konnessi mal-portal imsemmi fil-punt (a), u li jikkonsisti minn software, ibbażat fuq sett komuni ta’ protokolli miftuħa, li jippermetti dan li ġej:
 - (i) l-istrutturar, ir-reġistrazzjoni tad-*data* u l-konnessjoni ta’ messaġġi;
 - (ii) il-verifika tal-integrità u l-awtentikità tagħhom;
 - (iii) il-ħolqien ta’ evidenza marbuta mal-ħin tal-wasla għall-messaġġi skambjati.
3. Standard proċedurali diġitali għandu jikkonsisti mill-mudelli tal-proċess tan-negozju u l-formoli li jiddefinixxu l-format elettroniku tad-dokumenti użati fil-kuntest tal-proċeduri stabbiliti mill-atti legali elenkati fl-Anness 1.

Artikolu 5
Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:
 - (a) l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards tekniċi minimi, inkluż dwar is-sigurtà, li jirfdu l-komponenti tas-sistema e-CODEX imsemmija fl-Artikolu 4;
 - (b) ir-rekwiżiti tal-livell ta' servizz għall-attivitajiet li għandhom jitwettqu minn eu-LISA f'konformità mal-Artikolu 6 kif ukoll speċifikazzjonijiet tekniċi oħra neċessarji għal dawk l-attivitajiet.
 - (c) l-arranġamenti speċifiċi tal-proċess ta' trasferiment/akkwist imsemmi fl-Artikolu 9.
2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati dwar l-istandards proċedurali diġitali definiti fl-Artikolu 4(3).
3. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).
4. Il-Kummissjoni għandha żżomm lista ta' punti ta' aċċess awtorizzati e-CODEX li huma operati minn istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, u l-proċeduri ċivili transfruntiera u l-proċeduri kriminali kif ukoll forom li kull punt ta' aċċess huwa awtorizzat li jopera. Hija għandha tinnotifika l-bidliet lil eu-LISA mingħajr dewmien, mingħajr preġudizzju għan-notifika annwali prevista fl-Artikolu 14.
5. Il-Kummissjoni għandha taħtar sa ħames korrispondenti e-CODEX. Il-korrispondenti ta' e-CODEX biss għandhom ikunu intitolati jitolbu u jirċievu l-appoġġ tekniku msemmi fl-Artikolu 6(2)(f) min eu-LISA fir-rigward tas-sistema e-CODEX operata minn istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni.

Artikolu 6
Responsabbiltajiet ta' eu-LISA

1. eu-LISA għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni operazzjonali tal-komponenti tas-sistema e-CODEX imsemmija fl-Artikolu 4(2)(b) u (3) u tas-software ta' appoġġ elenkat fl-Anness II.
2. Il-ġestjoni operattiva tas-sistema e-CODEX għandha tikkonsisti b'mod partikolari minn dawn li ġejjin:
 - (a) L-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-iffissar ta' bugs u d-distribuzzjoni lill-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati tal-prodotti tas-software imsemmija fil-paragrafu 1;
 - (b) l-iżvilupp, il-manutenzjoni, id-distribuzzjoni u l-aġġornamenti tad-dokumentazzjoni kollha relatata mal-komponenti tas-sistema e-CODEX u l-prodotti tas-software ta' appoġġ tagħha msemmija fil-paragrafu 1 għall-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati;
 - (c) l-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-aġġornament u d-distribuzzjoni lill-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati ta' fajl ta' konfigurazzjoni li fih lista eżawrjenti ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati, inklużi l-proċeduri u l-forom li kull wieħed minn dawn il-punti ta' aċċess huwa awtorizzat li juża;

- (d) bidliet tekniċi għal e-CODEX u ż-żieda ta' karatteristiċi ġodda, ippubblikati bħala verżjonijiet ġodda ta' e-CODEX, sabiex iwieġbu għar-rekwiżiti emerġenti stabbiliti mill-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2) jew mill-Grupp Konsultattiv e-CODEX;
 - (e) l-appoġġ u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' ttestjar, inkluża l-konnettività, li jinvolvu l-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati;
 - (f) appoġġ tekniku għall-korrispondenti ta' e-CODEX fir-rigward tas-sistema e-CODEX;
 - (g) il-manutenzjoni u d-distribuzzjoni lill-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati tal-mudelli tal-proċess tan-negozju, tal-mudelli li jiddefinixxu l-format elettroniku tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 4(4) u tal-ġbir sottostanti predefinit tal-mudelli tad-data;
 - (h) publikazzjoni fuq is-sit web tal-eu-LISA ta' lista tal-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati, li ġew innotifikati lill-eu-LISA, u l-proċeduri ċivili u l-proċeduri kriminali transfruntiera li kull wieħed minn dawn il-punti ta' aċċess huwa awtorizzat jopera;
 - (i) iwieġeb għal talbiet għal parir tekniku u appoġġ mis-servizzi tal-Kummissjoni fil-kuntest tat-tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikolu 5(2);
 - (j) it-tħejjija u d-distribuzzjoni lill-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati ta' mudelli u ġodda ta' proċess tan-negozju u formoli li jiddefinixxu l-format elettroniku tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 4(3), inkluż billi jiġu organizzati u ffaċilitati sessjonijiet ta' ħidma mal-korrispondenti e-CODEX.
3. eu-LISA għandha tkun responsabbli għall-kompiti addizzjonali li ġejjin:
- (a) il-forniment, it-tħaddim u l-manutenzjoni fis-siti tekniċi ta' eu-LISA tal-infrastruttura tal-IT tal-hardware u tas-software meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha;
 - (b) il-forniment, it-tħaddim u l-manutenzjoni ta' pjattaforma ċentrali tal-ittestjar;
 - (c) tinforma lill-pubbliku ġenerali permezz tal-Internet dwar e-CODEX, permezz ta' sett ta' kanali ta' komunikazzjoni fuq skala kbira, bħal siti web jew pjattaformi tal-midja soċjali;
 - (d) it-tħejjija, l-aġġornament u d-distribuzzjoni online ta' informazzjoni mhux teknika relatata mas-sistema e-CODEX u l-attivitajiet imwettqa minn eu-LISA.
4. l-eu-LISA għandha tagħmel ir-riżorsi disponibbli fuq bażi on-call matul il-ħinijiet tax-xogħol biex tipprovdi punt uniku ta' kuntatt li l-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati jistgħu jinnotifikaw kwistjonijiet ta' sigurtà. Wara tali notifiċi, l-eu-LISA għandha tanalizza l-kwistjoni tas-sigurtà u, jekk ikun meħtieġ, tinforma lill-punti ta' aċċess awtorizzati e-CODEX milquta minn dik il-kwistjoni ta' sigurtà.

Artikolu 7

Responsabbiltajiet tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom iżommu lista ta' punti ta' aċċess awtorizzati e-CODEX, operati fit-territorju tagħhom, u l-proċeduri ċivili u l-proċeduri kriminali transfruntiera kif ukoll formoli li kull punt ta' aċċess huwa awtorizzat li jopera. Għandhom jinnotifikaw il-bidliet lil eu-LISA mingħajr dewmien, mingħajr preġudizzju għan-notifika annwali prevista fl-Artikolu 14.

2. Kull Stat Membru għandu jaħtar sa ħames korrispondenti e-CODEX. Dawn il-korrispondenti biss għandhom ikunu intitolati li jitolbu u jirċievu l-appoġġ tekniku msemmi fl-Artikolu 6(2)(f).

Artikolu 8

Responsabbiltajiet tal-entitajiet li jħaddmu l-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati

1. L-entità li topera punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat għandha tkun responsabbli għall-istabbiliment u l-operazzjoni siguri tiegħu. Din ir-responsabbiltà għandha tinkludi l-adattamenti meħtieġa għall-konnettur imsemmi fl-Artikolu 4(2)(b) biex ikun kompatibbli ma' kwalunkwe sistema konnessa u kwalunkwe adattament tekniku meħtieġ ieħor għas-sistemi konnessi tiegħu.
2. L-entità li topera punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat għandha tipprevedi mekkaniżmu fis-sistema(i) konnessa/(i) tagħha li jippermetti l-irkupru ta' data rilevanti dwar l-użu ta' proċeduri ċivili u kriminali transfruntiera skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-atti legali elenkati fl-Anness 1.
3. Ir-responsabbiltà għal kwalunkwe dannu li jirriżulta mit-tħaddim ta' punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat u kwalunkwe sistema konnessa għandha tiġġarrab mill-entità li topera dak il-punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat.

Artikolu 9

Trasferiment u akkwist

1. L-entità li timmaniġġa s-sistema e-CODEX għandha, mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022 tippreżenta dokument komuni ta' trasferiment lil eu-LISA li jispeċifika l-arranġamenti dettaljati għat-trasferiment tas-sistema e-CODEX, inklużi l-kriterji għal proċess ta' trasferiment b'suċċess u l-ikkompletar u d-dokumentazzjoni relatata, kif stabbilit mill-atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 5(1)(c), inklużi dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-proprietà intellettuali jew id-drittijiet tal-użu relatati mas-sistema e-CODEX u s-software ta' sostenn elenkat fl-Anness II li jippermetti lil eu-LISA twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha f'konformità mal-Artikolu 6.
2. Matul mhux aktar minn sitt xhur wara l-kunsinna tad-dokument ta' trasferiment imsemmi fil-paragrafu 1, għandu jsir proċess ta' trasferiment/akkwist bejn l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u eu-LISA. Matul dan il-perjodu, l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX se żżomm ir-responsabbiltà sħiħa għas-sistema e-CODEX u tiżgura li jitwettqu biss attivitajiet ta' manutenzjoni korrettiva fis-sistema. B'mod partikolari, ma għandha twassal l-ebda rilaxx ġdid tas-sistema e-CODEX.
3. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-proċess ta' trasferiment/akkwist sabiex tiżgura li l-arranġamenti dettaljati tal-proċess jiġu implimentati b'mod korrett mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u eu-LISA, abbażi tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 1.
4. eu-LISA għandha tiegħu f'idejha r-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX fid-data meta l-Kummissjoni tkun iddikjarat it-tlestija b'suċċess tal-proċess ta' trasferiment/akkwist imsemmi fil-paragrafu 2 u mhux qabel l-1 ta' Lulju 2023.

Artikolu 10

Sigurtà

1. Wara l-akkwist b'suċċess tas-sistema e-CODEX, eu-LISA għandha tkun responsabbli għaż-żamma ta' livell għoli ta' sigurtà meta twettaq il-kompiti tagħha, inkluża s-sigurtà tal-infrastruttura tal-IT tal-hardware u tas-software imsemmija fl-Artikolu 6(3). B'mod partikolari, eu-LISA għandha tiżgura li jiġi stabbilit u miżmum pjan ta' sigurtà e-CODEX u li s-sistema e-CODEX titħaddem skont dan il-pjan ta' sigurtà, b'kont meħud tal-klassifikazzjoni tal-informazzjoni pproċessata fir-regoli dwar is-sigurtà tal-informazzjoni e-CODEX u ta' eu-LISA. Tali pjan għandu jipprevedi spezzjonijiet u awditi regolari tas-sigurtà inklużi valutazzjonijiet tas-sigurtà tas-software tas-sistema e-CODEX bil-parteċipazzjoni tal-entitajiet li joperaw punt ta' aċċess e-CODEX.
2. Meta twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha, l-eu-LISA għandha timplimenta l-prinċipji tas-sigurtà mid-disinn u tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku. L-informazzjoni klassifikata ma għandhiex tiġi trażmessa permezz ta' e-CODEX, sakemm eu-LISA ma takkreditax is-sistema u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tas-sigurtà tal-Istati Membri jakkreditaw il-punti ta' aċċess.
3. L-entità li topera punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat għandu jkollha r-responsabbiltà esklussiva għas-sigurtà ta' dak il-punt ta' aċċess, inkluża s-sigurtà tad-*data* trażmessa permezz tiegħu.

Hija għandha tinnotifika mingħajr dewmien kwalunkwe kwistjoni ta' sigurtà lill-eu-LISA u lill-Istat Membru li jżomm il-lista tal-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati fejn dak il-punt ta' aċċess ikun elenkat, jew, fil-każ ta' punt ta' aċċess operat minn istituzzjoni, korp jew aġenzija tal-Unjoni, lill-Kummissjoni.

eu-LISA għandha tiżviluppa regoli ta' sigurtà u gwida rigward il-punti ta' aċċess e-CODEX. L-entità li topera punt ta' aċċess ta' e-CODEX awtorizzat għandha tipprovdi lil eu-LISA b'dikjarazzjonijiet li jagħtu prova tal-konformità tagħha mar-regoli għas-sigurtà tal-punti ta' aċċess e-CODEX. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu aġġornati fuq bażi annwali, jew kull meta bidla tkun meħtieġa mod ieħor.

Artikolu 11

Grupp Konsultattiv e-CODEX

1. Mill-1 ta' Jannar 2023, il-Grupp Konsultattiv e-CODEX stabbilit skont l-Artikolu 27(dc) tar-Regolament (UE) 2018/1726 għandu jipprovdi lil eu-LISA l-għarfien espert meħtieġ relatat mas-sistema e-CODEX, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tħejjija tal-programm ta' ħidma annwali tagħha u r-rapport annwali tal-attività tagħha. Hija għandha wkoll issegwi l-istat ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri. Il-Grupp Konsultattiv għandu jiġi infurmat bi kwalunkwe kwistjoni ta' sigurtà.
2. Matul il-proċess ta' trasferiment/akkwist, il-Grupp Konsultattiv e-CODEX għandu jiltaqa' regolarment, mill-inqas kull tieni xahar, sakemm il-proċess ta' akkwist jintemm b'suċċess.
3. Il-Grupp Konsultattiv e-CODEX għandu jirrapporta wara kull laqgħa lill-Bord tat-Tmexxija tal-Programm. Huwa għandu jipprovdi l-għarfien espert tekniku biex isostni l-kompiti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm u għandu jwettaq segwitu fir-rigward tal-implimentazzjoni fl-Istati Membri.

4. Il-Grupp Konsultattiv e-CODEX għandu jinvolti l-organizzazzjonijiet professjonali u partijiet interessati oħra, li pparteċipaw fil-ġestjoni tas-sistema e-CODEX fil-mument tat-trasferiment tagħha;

Artikolu 12

Bord tat-Tmexxija tal-Programm

1. Sal-1 ta' Jannar 2023, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA għandu jistabbilixxi Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX magħmul minn għaxar membri.
2. Il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm għandu jkun magħmul minn tmien membri maħtura mill-Bord tat-Tmexxija, mill-President tal-Grupp Konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 11 u membru wieħed maħtur mill-Kummissjoni. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiżgura li l-membri li jaħtar fil-Bord tat-Tmexxija tal-Programm ikollhom l-esperjenza u l-għarfien espert meħtieġa fir-rigward tas-sistema e-CODEX.
3. eu-LISA għandha tipparteċipa fil-ħidma tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm. Għal dan il-għan, rappreżentanti ta' eu-LISA għandhom jattendu l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm sabiex jirrapportaw dwar ħidma li tirrigwarda d-disinn u l-iżvilupp tal-ECRIS-TCN u kwalunkwe ħidma jew attività relatata oħra.
4. Il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm għandu jiltaqa' minn tal-inqas darba kull tliet xhur, u aktar ta' spiss meta jkun hemm bżonn. Hija għandha tiżgura l-ġestjoni adegwata tas-sistema e-CODEX, b'mod partikolari matul il-proċess ta' trasferiment/akkwist u fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-atti adottati skont l-Artikolu 5(2). Fuq bażi regolari u jekk jista' jkun kull xahrejn, il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm għandu jippreżenta rapporti bil-miktub lill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA dwar il-progress tal-proġett. Il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm ma għandu jkollu ebda setgħa li jieħu deċiżjonijiet u lanqas mandat biex jirrappreżenta lill-membri tal-Bord tat-Tmexxija.
5. Il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu li b'mod partikolari għandhom jinkludu regoli dwar:
 - (a) l-għażla tal-president;
 - (b) il-postijiet tal-laqgħat;
 - (c) it-tħejjija tal-laqgħat;
 - (d) l-ammissjoni ta' esperti għal-laqgħat, inklużi organizzazzjonijiet professjonali u partijiet interessati oħra, li jipparteċipaw fil-ġestjoni tas-sistema e-CODEX fil-mument tat-trasferiment tagħha;
 - (e) il-pjanijiet ta' komunikazzjoni biex jiġi żgurat li l-Membri mhux parteċipanti tal-Bord tat-Tmexxija jingħataw l-informazzjoni kollha.
6. Il-Presidenza tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm għandha tkun f'idejn Stat Membru li jkun marbut b'mod sħiħ bl-atti legali elenkati fl-Anness I u bl-użu ta' e-CODEX fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, kif ukoll marbut b'mod sħiħ bl-atti legali li jirregolaw l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira kollha ġestiti mill-eu-LISA.
7. L-ispejjeż kollha tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza mġarrba mill-membri tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm għandhom jitħallsu mill-eu-LISA. L-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-eu-LISA għandu japplika *mutatis mutandis*.
8. L-eu-LISA għandha tiżgura s-segretarjat tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm.

Artikolu 13

Taħriġ

L-eu-LISA għandha twettaq kompiti relatati mal-ġhoti ta' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistema e-CODEX f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1726, inkluż l-ġhoti ta' materjal ta' taħriġ online.

Artikolu 14

Notifiki

1. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena wara l-akkwist b'suċċess tas-sistema e-CODEX mill-eu-LISA, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-eu-LISA bl-informazzjoni li ġejja:
 - (a) il-lista tal-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati li jitħaddmu fit-territorju tagħhom, u l-proċeduri u l-forom ċivili u kriminali transfruntiera li kull punt ta' aċċess e-CODEX huwa awtorizzat jopera, kif imsemmi fl-Artikolu 7(1);
 - (b) lista tal-proċeduri ċivili u kriminali transfruntiera li għalihom jużaw is-sistema e-CODEX, u l-punt sa fejn is-sistema e-CODEX tista' tintuża għal kull waħda minn dawn il-proċeduri;
 - (c) l-għadd ta' messaġġi mibgħuta u riċevuti minn kull punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat li jopera fit-territorju tagħhom, raggruppati skont il-punt ta' aċċess ta' e-CODEX awtorizzat korrispondenti u l-proċedura ċivili u kriminali transfruntiera;
 - (d) l-għadd u t-tip ta' inċidenti li jiltaqqu magħhom l-entitajiet li joperaw punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati fit-territorju tal-Istat Membru u li jkollhom impatt fuq is-sigurtà tas-sistema e-CODEX.
2. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena wara l-akkwist b'suċċess tas-sistema e-CODEX mill-eu-LISA, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-eu-LISA bl-informazzjoni li ġejja:
 - (a) il-lista ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati li huma operati minn istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, u l-proċeduri u l-forom ċivili u kriminali transfruntiera li kull punt ta' aċċess e-CODEX huwa awtorizzat jopera, imsemmija fl-Artikolu 5(4);
 - (b) lista tal-proċeduri ċivili u kriminali transfruntiera li għalihom jużaw is-sistema e-CODEX, u l-punt sa fejn is-sistema e-CODEX tista' tintuża għal kull waħda minn dawn il-proċeduri;
 - (c) l-għadd ta' messaġġi mibgħuta u riċevuti minn kull punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat li jitħaddem mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, raggruppati skont il-punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat korrispondenti u l-proċedura ċivili u kriminali transfruntiera;
 - (d) l-għadd u t-tip ta' inċidenti li jiltaqqu magħhom l-entitajiet li joperaw punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati fit-territorju tal-Istat Membru u li jkollhom impatt fuq is-sigurtà tas-sistema e-CODEX.

Artikolu 15

Monitoraġġ u rapportar

1. Għall-ewwel darba sentejn wara li tiegħu r-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX, u kull sentejn wara dan, eu-LISA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament tekniku u l-użu tas-sistema e-CODEX, inkluża s-sigurtà tas-sistema.

2. eu-LISA għandha tikkonsolida d-*data* li tirċievi mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri skont l-Artikolu 14 tipprovdi l-indikaturi li ġejjin bħala parti mir-rapport previst fil-paragrafu 1:
- (a) il-lista u l-għadd ta' proċeduri ċivili u kriminali transfruntiera li għalihom intużat is-sistema e-CODEX matul il-perjodu ta' rapportar;
 - (b) l-għadd ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati għal kull Stat Membru u għal kull proċedura ċivili u kriminali;
 - (c) il-passi tal-proċeduri ċivili u kriminali transfruntiera li għalihom tista' tintuża s-sistema e-CODEX, għal kull Stat Membru;
 - (d) l-għadd ta' messaġġi mibgħuta permezz tas-sistema għal kull proċedura ċivili u kriminali bejn kull wieħed mill-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati;
 - (e) l-għadd u t-tip ta' inċidenti li għandhom impatt fuq is-sigurtà tas-sistema e-CODEX u l-informazzjoni dwar il-konformità mal-pjan ta' sigurtà e-CODEX.
3. Għall-ewwel darba, tliet snin wara li l-eu-LISA tieħu f'idejha r-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX, u kull erba' snin minn hemm' il quddiem, il-Kummissjoni għandha tipproduċi evalwazzjoni ġenerali tas-sistema e-CODEX. Din l-evalwazzjoni ġenerali għandha tinkludi valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u eżami tar-riżultati miksuba meta mqabbla mal-oġettivi, u tista' tipproponi azzjonijiet futuri possibbli. Fi żmien l-ewwel evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid ukoll ir-rwol tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm u l-kontinwazzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 16

Emendi fir-Regolament (KE) Nru 2018/1726

Ir-Regolament (UE) 2018/1726 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:
- “4a. L-Aġenzija għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp, il-ġestjoni operattiva, inklużi l-evoluzzjonijiet tekniċi, tas-sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera (is-sistema e-CODEX.)”;
- (2) għandu jiddaħħal l-Artikolu 8b li ġej:

“Artikolu 8b

Kompiti relatati mas-sistema e-CODEX

Fir-rigward tas-sistema e-CODEX, l-Aġenzija għandha twettaq:

- (a) il-kompiti mogħtija lilha permezz tar-Regolament (UE) XXX/20XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;
- (b) kompiti relatati ma' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistema e-CODEX, inkluż il-forniment ta' materjali ta' taħriġ online.

* dwar sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L...);

- (3) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “1. L-Aġenzija għandha timmonitorja l-iżviluppi fir-riċerka rilevanti għat-tmexxija operattiva tas-SIS II, il-VIS, l-Eurodac, l-EES, l-ETIAS, Dublinet, l-ECRIS-TCN u sistemi oħra tal-IT fuq skala kbira kif imsemmi fl-Artikolu 1(5).”
- (4) fl-Artikolu 19, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-punt (ff) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(ff) jadotta rapporti dwar il-funzjonament tekniku ta' dan li ġej:
- (i) SIS skont l-Artikolu 60(7) tar-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u l-Artikolu 74(8) tar-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;
 - (ii) VIS skont l-Artikolu 50(3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI;
 - (iii) EES skont l-Artikolu 72(4) tar-Regolament (UE) 2017/2226;
 - (iv) ETIAS skont l-Artikolu 92(4) tar-Regolament (UE) 2018/1240;
 - (v) ECRIS-TCN u tal-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS skont l-Artikolu 36(8) tar-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***;
 - (vi) il-komponenti tal-interoperabbiltà skont l-Artikolu 78(3) tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Artikolu 74(3) tar-Regolament (UE) 2019/818;
 - (vii) is-sistema e-CODEX skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) XXX tal-20XX [*dan ir-Regolament*]
- _____
- * Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14).
- ** Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).
- *** Ir-Regolament (KE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jstabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1).” ;
- (b) il-punt (mm) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(mm) jiżgura l-pubblikazzjoni ta' dan li ġej:

- (i) il-lista ta' awtoritajiet kompetenti awtorizzati biex ifittxu direttament fid-*data* li tinsab fis-SIS skont l-Artikolu 41(8) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 56(7) tar-Regolament (UE) 2018/1862, flimkien mal-lista ta' Uffiċċji tas-sistemi nazzjonali tas-SIS (N.SIS) u tal-Uffiċċji SIRENE skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2018/1862 rispettivament;
 - (ii) il-lista tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2017/2226;
 - (iii) il-lista ta' awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 87(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240;
 - (iv) il-lista ta' awtoritajiet ċentrali skont l-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) 2019/816;
 - (v) il-lista ta' awtoritajiet skont l-Artikolu 71(1) tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) 2019/818;
 - (vi) il-lista ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati skont l-Artikolu 6(2)(h) tar-Regolament (UE) XXX tal-20XX [dwar is-sistema e-CODEX — dan ir-Regolament];”;
- (5) fl-Artikolu 27(1), jiddaħħal il-punt (dc) li ġej:
- “(dc) Grupp Konsultattiv e-CODEX;”.

KAPITOLU 3

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 17

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 18

Spejjeż

1. L-ispejjeż imġarrba fit-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 6 għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.
2. L-ispejjeż għall-kompiti msemmija fl-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 għandhom jitħallsu mill-Istati Membri u mill-entitajiet li joperaw il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati rispettivament.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta inizjattiva
- 1.4. Għan(ijiet)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva
- 1.6. Durata u impatt finanzjarju
- 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja tan-nefqa affettwati
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726

1.2. Qasam (oqsma) ta' politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta' programmi*)

Ninvestu fin-Nies, il-Koeżjoni Soċjali & Valuri, il-Ġustizzja, id-Drittijiet u l-Valuri

1.3. Il-proposta / l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida segwita minn proġett pilota / azzjoni preparatorja³⁹

☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew direzzjoni mill-ġdid ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.4. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

1.4.1. *Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fi żmien qasir jew fit-tul inkluża kronoloġija dettaljata għall-proseguwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-għan ta' din il-proposta legali huwa li tistabbilixxi s-sistema e-CODEX u tafda lil eu-LISA ("l-Aġenzija") bil-ġestjoni operattiva tagħha, u aktar evoluzzjonijiet tekniċi tas-sistema fi ħdan ir-responsabbiltajiet tal-Aġenzija stabbiliti fl-Artikolu 6.

e-CODEX ġie żviluppat bejn l-2010 u l-2016 minn 21 Stat Membru tal-UE bil-parteċipazzjoni ta' pajjiżi/territorji u organizzazzjonijiet oħra. L-ispiża totali tal-iżvilupp tas-sistema kienet ta' madwar EUR 24 miljun, li minnhom 50% kienu ffinanzjati mill-UE fil-forma ta' għotjiet u 50% mill-Istati Membri parteċipanti. EUR 2 miljun addizzjonali ngħataw għall-manutenzjoni ta' e-CODEX bejn l-2016 u l-2018 (il-proġett Me-CODEX) u EUR 3 miljun addizzjonali saru disponibbli permezz ta' għotja għall-manutenzjoni tas-sistema bejn l-2019 u l-2021 (il-proġett Me-CODEX II). It-trasferiment ta' e-CODEX lil eu-LISA huwa previst li jseħħ fl-ewwel nofs tal-2023. Għalhekk, se jkun meħtieġ proġett ta' manutenzjoni ulterjuri biex ikopri l-ħtieġa tal-manutenzjoni tas-sistema fil-perjodu 2021-2023.

Is-sistema hija u se tkompli titħaddem mill-utenti tagħha (l-Istati Membri) b'mod deċentralizzat, b'kull Stat Membru jopera punt ta' aċċess e-CODEX wieħed jew aktar. Biex jiġi stabbilit punt ta' aċċess, Stat Membru juża l-prodotti tas-software miżmuma minn eu-LISA u jirċievi mingħand eu-LISA assistenza teknika matul il-fażijiet tal-installazzjoni u l-konfigurazzjoni tal-punt ta' aċċess. eu-LISA se tipprovdi wkoll appoġġ għall-iskjeramenti operazzjonali tal-punti ta' aċċess.

Il-Kummissjoni żżomm ir-rwol tagħha relatat mal-politika fil-monitoraġġ u t-tmexxija tal-ħidma li qed issir f'eu-LISA, filwaqt li tiddefinixxi l-elementi ta' livell għoli tas-sistema e-CODEX permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u taħdem lejn l-istabbiliment tas-sistema e-CODEX bħala l-mezz ta' komunikazzjoni sigur użat

³⁹

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

għall-kooperazzjoni għudizzjarja fil-kuntest ta' lista ta' proċeduri għudizzjarji transfruntiera fl-UE.

Rekwiżit għal żmien qasir: eu-LISA għandha ssir operattiva fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-kompiti definiti fl-Artikolu 6 sat-30 ta' Ġunju 2023.

Rekwiżit fit-tul: L-istabbiliment gradwali tas-sistema e-CODEX bħala s-soluzzjoni diġitali ewlenija għall-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet għudizzjarji u l-proċeduri għudizzjarji transfruntiera fl-Unjoni Ewropea.

- 1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. tijib fil-koordinazzjoni, ċertezza legali, effettività jew kumplimentarjetajiet akbar). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li nkella kien jinħoloq mill-Istati Membri wehdom.*

Raġunijiet għal azzjoni fuq livell Ewropew (ex-ante): Fin-nuqqas ta' azzjoni mill-UE, hemm riskju li l-Istati Membri jiżviluppaw sistemi tal-IT nazzjonali b'mod indipendenti, li jwassal għal nuqqas ta' interoperabbiltà bejniethom. Il-ġestjoni operattiva u l-evoluzzjonijiet tekniċi ulterjuri fil-livell tal-UE huma l-uniku mod kif tinkiseb sistema interoperabbli għall-komunikazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet għudizzjarji.

Valur miżjud tal-UE mistenni li jiġi ġġenerat (ex post): Il-proġetti pilota e-CODEX imwettqa mill-Istati Membri juru l-potenzjal tas-sistema għad-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri bħat-Talbiet Żgħar Ewropej jew l-Ordni ta' Ħlas Ewropea fil-qasam tal-liġi ċivili, jew għall-iskambju ta' talbiet għal Assistenza Legali Reċiproka u Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej fil-qasam kriminali.

Il-ġestjoni ta' e-CODEX minn eu-LISA se jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni ta' dawn il-fatturi ta' limitazzjoni billi:

Jipprovdi soluzzjoni lesta li għandha tiġġenera ekonomiji ta' skala billi l-UE se jkollha timmaniġġja soluzzjoni tal-IT waħda biss għall-komunikazzjoni transfruntiera sigura fil-qasam tal-ġustizzja. Għalhekk, il-kostijiet għall-Istati Membri biex jiddiġitalizzaw il-proċeduri transfruntiera tagħhom huma mistennija li jonqsu u li jsiru inqas ta' ostaklu. Fejn l-Istati Membri ma jkollhomx għodod disponibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sistema, l-UE tista' ttipprovdi implimentazzjonijiet ta' referenza bbażati fuq e-CODEX.

L-istabbiliment ta' e-CODEX bħala soluzzjoni sostenibbli stabbli se jiġġenera fiduċja mill-Istati Membri li l-investimenti fis-sistemi lokali li għandhom jiġu konnessi ma' e-CODEX mhux se jkollhom haġja qasira u b'hekk se jkollhom il-potenzjal li jiġġeneraw ir-redditu mistenni fuq l-investment.

Proposti leġislattivi ulterjuri tal-UE għad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi għudizzjarji diġà jistgħu jindikaw e-CODEX bħala s-sistema preferuta tal-IT għall-komunikazzjoni transfruntiera, li tiffaċilita l-proċess ta' implimentazzjoni aktar tard.

- 1.4.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Mingħajr struttura ta' governanza stabbli u definita b'mod ċar u struttura operattiva, sistemi bħal e-CODEX, anke jekk meqjusa estremament utli mill-parteċipanti kollha, qatt ma jevolvu lil hinn mill-istatus pilota tagħhom biex jipprovdu valur miżjud reali tal-UE.

1.4.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

L-inizjattiva hija maħsuba biex tappoġġja d-diġitalizzazzjoni ta' lista ta' atti legali adottati fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja billi tgħin biex jiġi stabbilit kanal ta' komunikazzjoni sigur bejn l-awtoritajiet kompetenti li huma involuti fl-applikazzjoni tagħhom.

Is-sistema e-CODEX hija waħda mill-komponenti ewlenin tal-politika tal-Ġustizzja elettronika tal-Kummissjoni biex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja u l-effiċjenza tagħha fl-Istati Membri u hija inkluża fil-pjan ta' azzjoni tal-Ġustizzja elettronika Ewropea għall-2019-2023⁴⁰. Fil-kuntest ta' Suq Uniku Diġitali li għandu l-għan li jipprovdi infrastrutturi u servizzi b'veloċità għolja, siguri u affidabbli, is-soluzzjonijiet għall-promozzjoni tal-Ġustizzja elettronika kienu parti mill-pjan ta' azzjoni tal-Gvern elettroniku tal-2016⁴¹. Il-portal tal-Ġustizzja elettronika, punt uniku ta' servizz għall-informazzjoni ġudizzjarja fl-UE, joffri liċ-ċittadini fl-Istati Membri fejn hija permessa t-trażmissjoni elettronika, il-possibbiltà li jippreżentaw talbiet żgħar għal ordnijiet ta' ħlas Ewropej b'mod elettroniku, bl-użu tas-sistema e-CODEX.

e-CODEX hija waħda mill-Infrastrutturi tas-Servizzi Diġitali tal-Ġustizzja elettronika fi ħdan il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)⁴².

Barra minn hekk, wieħed mill-komponenti ta' e-CODEX ġie adottat u miżmum mill-Kummissjoni bħala parti mill-modulu tal-eDelivery fi ħdan il-FNE, li jurih bħala sistema utli mhux biss għall-ġustizzja, iżda wkoll f'oqsma oħra.

S'issa e-CODEX ġie żviluppat u miżmum b'finanzjament jew kofinanzjament mill-UE. Bl-adozzjoni ta' din il-proposta, mhux se jkun meħtieġ aktar finanzjament minn għotjiet, li jwassal għal iffrankar tal-ispejjeż għall-baġit tal-UE.

F'termini ta' sinerġiji, din il-proposta se tiżgura li l-Istati Membri tal-UE jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-investimenti li diġà saru sabiex tinholq is-sistema e-CODEX u jevitaw ukoll li jġarrbu spejjeż ulterjuri għall-iżvilupp ta' sistema oħra biex jiġi soddisfaw l-istess hteġa kummerċjali fil-qasam ġudizzjarju.

⁴⁰ Pjan ta' Azzjoni 2019-2023 tal-Ġustizzja elettronika Ewropea (ĠU C 96, 13.3.2019, p. 9).

⁴¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020 - Inhaflu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika COM(2016)179 final.

⁴² Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

1.5. Durata u impatt finanzjarju

☐ **durata limitata**

- ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-2022 sal-2023,
- segwita bi tħaddim fuq skala sħiħa.

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)⁴³

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lil:

- ☐ pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;
- ☒ korpi li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ korpi rregolati bil-liġi pubblika;
- ☐ korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V TUE, u li huma identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprova d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

L-eu-LISA għandha tiżgura l-ġestjoni operattiva tas-sistema e-CODEX skont it-tifsira tal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

⁴³

Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-Artikolu 15 tar-Regolament — Monitoraġġ u rapportar — jistabbilixxi l-obbligu għall-Aġenzija li tirrapporta lill-Kummissjoni l-attivitajiet tagħha relatati mas-sistema e-CODEX.

Din l-għodda speċifika tiġi biex tissupplimenta l-mekkaniżmi eżistenti stabbiliti fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2018/1726 li jistabbilixxi l-Aġenzija.

2.2. Sistema jew sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta

Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-mod(i) ta' ġestjoni eżistenti fejn hija kkonċernata l-Aġenzija.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom

Ir-riskju ewlieni fuq terminu qasir huwa jekk eu-LISA għandhiex il-kapaċità li tlaħħaq mal-kompiti addizzjonali li jirriżultaw minn dan ir-Regolament fil-ħin, meta jitqiesu l-kompiti prijoritarji attwali tagħha li tiżviluppa u timmaniġġja s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen modernizzata (SIS), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-Eurodac.

Dan ir-riskju jittaffa billi jiġi ttardjat it-tmiem tal-fażi ta' trasferiment ta' e-CODEX lil eu-LISA sal-1 ta' Lulju 2023, u mill-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni tat-trasferiment propost skont dan ir-Regolament huwa relattivament żgħir, u r-riżorsi mhumieq kondiviżi ma' daww li jikkonċernaw proposti legali oħra li għaddejjin u huma indipendenti minnhom.

2.2.3. Metodu/i ta' kontroll previst(i)

Bħala Aġenzija tal-Unjoni, eu-LISA tapplika metodi ta' kontroll orizzontali adegwati tal-aġenziji deċentralizzati.

Ir-Regolament Finanzjarju ta' eu-LISA, li huwa bbażat fuq ir-Regolament Finanzjarju Qafas għall-aġenziji, jistabbilixxi l-ħatra ta' awditur intern u r-rekwiżiti tal-awditjar intern.

Kwalunkwe att ta' implimentazzjoni li jestendi l-proċeduri ġudizzjarji koperti minn e-CODEX għandu jinkludi dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva riveduta li tiżgura l-assenjazjoni ta' riżorsi finanzjarji u umani xierqa lil eu-LISA.

eu-LISA timplimenta Qafas ta' Kontroll Intern ibbażat fuq il-Qafas ta' Kontroll Intern tal-Kummissjoni Ewropea u fuq il-qafas ta' kontroll intern integrat tal-Kumitat oriġinali tal-Organizzazzjonijiet li Jisponsorjaw. Id-dokument Uniku ta' Programmazzjoni jrid jipprovdi informazzjoni dwar is-sistemi ta' kontroll intern, filwaqt li r-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat (CAAR) irid ikun fih

informazzjoni dwar l-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern, inkluż fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju.

Is-superviżjoni interna hija pprovduta wkoll mill-Kapaċità tal-Awditjar Intern ta' eu-LISA, abbażi ta' pjan tal-awditjar annwali, b'mod partikolari billi titqies il-valutazzjoni tar-riskji f'eu-LISA.

- 2.2.4. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-kosteffettività tal-kontrolli eżistenti fejn hija kkonċernata l-Aġenzija.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi.

Bħala Aġenzija tal-Unjoni, eu-LISA tapplika miżuri orizzontali adegwati għall-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, kif previst fl-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) 2018/1726.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [...] [Intestatura.....]	Diff./Mhux diff. ⁴⁴	minn pajjiżi tal-EFTA ⁴⁵	minn pajjiżi kandidati ⁴⁶	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
2	07 07 Ġustizzja	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
7	20 01 Nefqa Amministrattiva tal-Kummissjoni	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

⁴⁴ Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

⁴⁵ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁴⁶ Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	2	“Koeżjoni u Valuri”
--	----------	---------------------

eu-LISA			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1: Tmantni u tevolvi aktar is-sistema e-CODEX	Impenji	(1)	0	0.053	1.430	1.831	1.831	1.789	1.789	1.789	8.723
	Pagamenti	(2)	0	0.053	1.430	1.831	1.831	1.789	1.789	1.789	8.723
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=1+1a +3a	0	0.053	1.430	1.831	1.831	1.789	1.789	1.789	8.723
	Pagamenti	=2+2 a +3a	0	0.053	1.430	1.831	1.831	1.789	1.789	1.789	8.723

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni”
--	----------	---

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

DĠ Ġustizzja u Konsumaturi			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Riżorsi umani			0	0.075	0.150	0.150	0.150	0.150	0.150	0.150	0.825
Nefqa amministrattiva oħra			0	0.084	0.007	0.007	0.007	0.007	0.007	0.007	0.119
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali Pagamenti totali)	=	0	0.159	0.157	0.157	0.157	0.157	0.157	0.157	0.944

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	<i>Wara l-2027</i>	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet fl-INTESTATURI tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0	0.212	1.587	1.988	1.988	1.946	1.946	1.946	9.667
	Pagamenti	0	0.212	1.587	1.988	1.988	1.946	1.946	1.946	9.667

3.2.2. Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet tal-eu-LISA

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-għanijiet u l-outputs eu-LISA ⇓			2021		2022		2023		2024		2025		2026		2027		TOTAL	
	OUTPUTS																	
	Tip 47	Kost med ju	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Nru totali	Kost totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1: Tmantni u tevolvi aktar is-sistema e-CODEX																		
Persunal Intern - TA	TA għal 0,150 / sena						2	0.300	2	0.300	2	0.300	2	0.300	2	0.300	10	1.500
Persunal Intern - CA	CA FV IV / għal 0,08 / sena				2	0.053	3	0.240	3	0.240	3	0.240	3	0.240	3	0.240	15	1.253

⁴⁷ L-outputs huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju: l-għadd ta' skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

Akkwist — servizzi esternalizzati	8 fornituri ta' servizzi intra-muros b'0,120/year					4	0.480	8	0.960	8	0.960	8	0.960	8	0.960	36	4.320
Laqgħat tal- grupp konsultattiv	0,021 għal kull laqgħa					6	0.126	4	0.084	4	0.084	4	0.084	4	0.084	22	0.462
Laqgħat tal- Bord tat- Tmexxija tal- Programm	0,021 għal kull laqgħa					6	0.126	4	0.084	4	0.084	4	0.084	4	0.084	22	0.462
Laqgħat tar- rapport ta' progress	0,021 għal kull laqgħa					2	0.042	4	0.084	4	0.084	2	0.042	2	0.042	14	0.294
Workshops dwar l- immudellar tan-negozju	0,021 għal kull workshop					3	0.063	3	0.063	3	0.063	3	0.063	3	0.063	15	0.315
Missjonijiet	0,007 għal kull missjoni					4	0.003	8	0.006	8	0.006	8	0.006	8	0.006	36	0.027
Prodotti ta' hardware & software							0.05		0.01		0.01		0.01		0.01		0.09
Subtotal tal-għan speċifiku Nru 1					0.053		1.430		1.831		1.831		1.789		1.789		8.723
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2:																	

Subtotal tal-għan speċifiku Nru 2															
--------------------------------------	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--

L-ammont totali ta' persunal intern meħtieġ huwa ta' ħames FTE:

- Ħames FTE se jiġu żgurati minn persunal intern ġdid — żewġ Aġenti Temporanji (AD 5-7) u tliet Aġenti Kuntrattwali (FG IV);
- Żewġ FTE (2 AC) se jiġu rekrutati diġà mill-1 ta' Settembru 2022 sabiex jinbeda l-proċess ta' rekrutaġġ u jiġi żgurat li t-tim sħiħ ikun fis-seħħ fil-bidu tal-proċess ta' akkwiżizzjoni (l-1 ta' Jannar 2023).

Is-servizzi tekniċi se jiġu żgurati bl-akkwist ta' fornituri esterni tas-servizzi (total ta' tmienja wara t-tlestija tat-trasferiment lil eu-LISA).

Spejjeż addizzjonali huma kkalkulati għall-ivvjaġġar u s-sussistenza ta' kuljum għal rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru biex jattendi:

- Erba' laqgħat tal-grupp konsultattiv kull sena⁴⁸;
- Erba' laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm kull sena;
- Erba' laqgħa tar-rapport ta' progress tal-proġett fis-sena matul l-ewwel tliet snin, sussegwentement imnaqqsa għal tnejn;
- Tliet workshops ta' mmudellar tan-negozju fis-sena.

L-ispejjeż tal-missjonijiet huma inklużi biex il-persunal ta' eu-LISA jkun jista' jattendi l-laqgħat tal-komitat organizzati għall-adozzjoni tal-Atti ta' Implimentazzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament.

Il-kost għall-prodotti tal-hardware u tas-software huwa maħsub biex ikopri l-ħtiġijiet operazzjonali u s-supplimentazzjoni tal-infrastruttura eżistenti tal-hardware f'eu-LISA fir-rigward tal-Artikolu 6(3)(a) ta' dan ir-Regolament. Wara l-investiment inizjali, intużat rata ta' 20% għall-ispejjeż tal-manutenzjoni (sostituzzjoni ta' hardware, liċenzji tas-software, eċċ.). F'termini ta' spazju tal-art taċ-ċentru tad-*data*, l-użu huwa negliġibbli meta wieħed iqis li hardware ġdid (jekk meħtieġ) huwa limitat għal erba' blade servers f'sit ewlieni u l-istess f'sit ta' riżerva.

⁴⁸

Żdied fl-2023 minħabba l-ħtieġa ta' aktar kollaborazzjoni matul il-perjodu tat-trasferiment.

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
------	------	------	------	------	------	------	------	-------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani		0.075	0.150	0.150	0.150	0.150	0.150	0.825
Nefqa amministrattiva oħra		0.084	0.007	0.007	0.007	0.007	0.007	0.119
Subtotal INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali		0.159	0.157	0.157	0.157	0.157	0.157	0.944

Barra mill- INTESTATURA 7⁴⁹ of the multiannual financial framework								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL	0	0.159	0.157	0.157	0.157	0.157	0.157	0.944
--------------	----------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'appropriazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew ridistribwiti fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk dan ikun neċessarju, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

In-nefqa amministrattiva tkopri uffiċjal AD wieħed fid-DĠ Ġustizzja u Konsumaturi tal-Kummissjoni. Il-funzjonijiet ewlenin tiegħu/tagħha (ara aktar' l isfel) huma:

⁴⁹ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (il-linji "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

- Is-sorveljanza tal-ħidma lejn l-atti ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikolu 5, jorganizza l-proċess ta' trasferiment u sussegwentement jaġixxi bħala uffiċjal ta' kollegament tal-politika vis-à-vis l-Aġenzija;
- Spejjeż tal-missjoni għall-persunal tal-Kummissjoni biex jattendi l-laqgħat organizzati mill-eu-LISA (10/year — parteċipazzjoni fil-Bord tat-Tmexxija, il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm u l-laqgħat tal-Grupp Konsultattiv);
- L-ivvjaġġar u s-sussistenza ta' kuljum għal rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru biex jipparteċipa fil-laqgħat tal-kumitat għall-adozzjoni tal-Atti ta' Implimentazzjoni previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (ippjanati għall-2022).

3.2.3.1. Ir-rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

Sommarju tal-Aġenzija eu-LISA

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tehtiegħ l-użu tar-riżorsi umani.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu tar-riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
------	------	------	------	------	------	------	------	-------

Uffiċjali (Gradi AD)								
Uffiċjali (Gradi AST)								
Aġenti kuntrattwali		0.053	0.240	0.240	0.240	0.240	0.240	1.253
Persunal temporanju			0.300	0.300	0.300	0.300	0.300	1.500
Esperti Nazzjonali Sekondati								

TOTAL		0.053	0.540	0.540	0.540	0.540	0.540	2.753
--------------	--	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

Ħames persunal intern (żewġ Aġenti Temporanji u tliet Aġenti Kuntrattwali) huma proposti sabiex iwettqu kompiti ewlenin. Jeħtieġ li jkun hemm ġabra ddedikata ta' riżorsi għas-sistema e-CODEX sabiex tiġi evitata l-kompetizzjoni għar-riżorsi mal-attivitajiet tal-affarijiet interni. Il-partijiet ikkonċernati tal-Istati Membri huma partikolarment sensittivi għall-kwistjoni tal-garanzija tal-allokazzjoni ta' riżorsi ddedikati għas-sistema e-CODEX.

Bl-ghajjnuna tal-fornituri esterni tas-servizzi, dawn ir-riżorsi se jkunu jistgħu jiġġestixxu l-manutenzjoni tas-sistema eżistenti, l-evoluzzjonijiet ulterjuri tas-sistema e-CODEX u l-estensjoni gradwali tal-appoġġ ta' e-CODEX għall-proċeduri legali fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja b'pass wieħed jew tnejn fis-sena, skont il-komplessità.

Stima tal-impatt fuq il-persunal (FTE addizzjonali) – pjan ta' stabbiliment

Grupp ta' funzjonit u grad	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
AD (TA)	0	0	2	2	2	2	2
TOTAL FINALI	0	0	2	2	2	2	2

Stima tal-impatt fuq il-persunal (addizzjonali) – persunal estern

Aġenti kuntrattwali	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Grupp ta' funzjonijiet IV	0	2 ⁵⁰	3	3	3	3	3
Total	0	2	3	3	3	3	3

Wara l-adozzjoni mistennija tar-Regolament sal-1 ta' Jannar 2022, ir-reklutaġġ ta' persunal ewlieni se jkollu jitlesta sal-1 ta' Jannar 2023 u dak tal-persunal li jifdal sal-1 ta' Lulju 2023. Il-persunal ewlieni se jaħdem fil-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-1 ta' Lulju 2023 biex jiżgura t-trasferiment b'suċċess tas-sistema e-CODEX mill-konsorzju ta' Stat Membru e-CODEX. Mill-1 ta' Lulju 2023 il quddiem, l-Aġenzija se ssir unikament responsabbli għall-attivitajiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament.

Sommarju DĠ Ġustizzja u Konsumaturi

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu tar-riżorsi umani
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu tar-riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tingħata f'unitajiet ekwivalenti għal full time

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
Kwartieri ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni		1	1	1	1	1	1
Delegazzjonijiet							
Riċerka							
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED ⁵¹							
Intestatura 7							
Iffinanzjat mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid-Delegazzjonijiet						
Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm ⁵²	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid-Delegazzjonijiet						
Riċerka							

⁵⁰ Mill-1 ta' Settembru 2022.

⁵¹ AC= Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondarju; INT = persunal tal-aġenziji; JPD= Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

⁵² Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprijazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

Oħrajn (speċifika)							
TOTAL		1	1	1	1	1	1

Ir-riżorsi umani meħtieġa sejrjn jiġu ssodisfati minn persunal tad-DĠ li huwa diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġie skjerat mill-ġdid fid-DĠ, flimkien ma', jekk ikun hemm bżonn, kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura ta' allokkazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Il-persunal tad-DĠ Ġustizzja u Konsumaturi se jkun involut fil-governanza tal-politika tal-ħidma mwettqa minn eu-LISA, fil-monitoraġġ tagħha, kif ukoll fit-tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni meħtieġa b'mandat mir-Regolament (2022). B'mod partikolari, fejn hija kkonċernata s-sistema e-CODEX, - id-definizzjoni, l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tal-aspetti operattivi u ta' politika tal-attività tal-Aġenzija; - l-analiżi u l-kummenti fuq id-dokumenti kollha sottomessi lill-Grupp Konsultattiv ta' e-CODEX (AG), lill-Bord tat-Tmexxija tal-Proġett, u, fejn rilevanti, lill-Bord tat-Tmexxija (MB) tal-eu-LISA; - it-tħejjija tal-parteċipazzjoni, il-parteċipazzjoni u s-segwitu tar-rapport ta' progress, il-laqgħat tal-AG u l-MB; - l-abbozzar ta' atti legali (atti ta' implimentazzjoni), il-verifika u l-korrezzjoni ta' dokumenti maħruġa mill-Aġenzija kontra restrizzjonijiet legali, tekniċi u baġitarji; - il-kontribuzzjoni għall-attivitajiet ta' ppjanar tal-Aġenzija (Dokument ta' Programmar), filwaqt li tiġi żgurata l-konsistenza tagħhom mal-prijoritajiet ta' politika u l-konformità mal-mandat tal-aġenzija; - fejn rilevanti, segwitu u parteċipazzjoni f'fora differenti (governanza jew tekniċi) tal-Aġenzija u preżentazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni.
Persunal estern	

3.2.4. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☒ ma tippredix il-kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☐ tippredix il-kofinanzjament minn partijiet terzi li qed jiġi stmat hawn taħt:

Appropjazzjonijiet f'EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☒ Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Impatt tal-proposta/inizjattiva ⁵³						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Artikolu							

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

⁵³ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, id-dazji fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri l-ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-ispejjeż tal-ġbir.